

Brussell, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13026/16

CFSP/PESC 796
PE 99
COPS 292

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12898/16
Suġġett:	Rapport dwar il-PESK - Il-prijoritajiet tagħna fl-2016

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż "Rapport dwar il-PESK - Il-prijoritajiet tagħna fl-2016", kif approvat mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2016.

Rapport dwar il-PESK - Il-prijoritajiet tagħna fl-2016**Introduzzjoni**

Ir-Rappreżentant Għoli ppreżentat Strateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà lill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2016. It-tieni nofs tal-2016 hu ddedikat għas-segwitu u l-implimentazzjoni fl-oqsma prijoritarji identifikati mill-Istrateġija Globali tal-UE, jiġifieri dwar it-tiswir tal-reżiljenza u approċċ integrat għall-konflitt u l-kriżijiet, is-sigurtà u d-difiża u t-tisħiħ tar-rabta bejn il-linji ta' politika interni u esterni, b'attenzjoni lill-migrazzjoni, kif ukoll lill-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija ssir abbażi ta' pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni mħejjija mir-Rappreżentant Għoli u Viċi President (RGħ/VP) u tal-konklużjonijiet tal-Kunsill f'Ottubru 2016. Qed jiżdiedu wkoll sforzi ta' komunikazzjoni u ta' diplomazija pubblika, kif ukoll biex tiżdied ir-reżiljenza pubblika kontra l-manipulazzjoni ta' informazzjoni minn partijiet terzi u messaġġi kontra l-UE, biex jintlaħqu ċ-ċittadini tal-UE kif ukoll il-pubbliku ta' pajjiżi terzi.

Fl-2016, il-PESK qed jiffoka qabelxejn fuq li jkompli bil-missjoni li jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżijiet il-kbar fil-viċinat tal-UE, filwaqt li jipproteġi u jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem, u li jsawwar u jsaħħaħ il-paċi u l-istabbiltà globalment, kif ukoll permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PESK. Fil-Lvant, il-ksur tad-dritt internazzjonali mir-Russja u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, flimkien mal-konflitti li ilhom għaddejjin fil-bqija tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, jippreżentaw sfida għall-ordni Ewropew ta' sigurtà fil-qalba tiegħu. Fin-Nofsinhar, l-isforzi ser ikomplu jiġu ffukati biex jintemm il-konflitt fis-Sirja. Minbarra li ħadet għall-aġġar l-instabbiltà u l-insikurezza reġjonali, il-kriżi fis-Sirja kellha impatt intern ukoll fuq l-UE, kemm bħala riskju ewlieni għas-sigurtà kif ukoll f'termini ta' moviment ta' massa ta' nies li qed jaħarbu lejn post sigur.

L-UE ser tiffoka wkoll fuq il-progress fl-iżviluppi pożittivi, bħal fl-Iran, fejn ser tkompli l-ħidma tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) u t-tiġdid tar-relazzjonijiet bilaterali. Prijoritajiet oħra jinkludu t-tmexxija 'l quddiem tal-ħidma tal-UE fil-Libja. Filwaqt li tibni fuq rwol diġà attiv fl-Afrika, l-UE ser tkompli ssaħħa il-paċi u r-reżiljenza inkluż permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK. L-UE ser tkompli wkoll tiżviluppa sħubiji ta' ħidma fl-Asja Ċentrali u tax-Xlokk, u tarrikkixxi r-relazzjoni transatlantika kruċjali. Il-konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan f'Ottubru 2016 kienet opportunità importanti biex jitrawmu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà. L-UE ser tkompli taħdem man-Nazzjonijiet Uniti, billi tirrikonoxxi l-importanza ta' sistema internazzjonali bbażata fuq il-multilateraliżmu.

Sabiex jirrifletti dan l-approċċ komprensiv, dan ir-rapport jinkludi, fejn adatt, referenzi għal politiki u strumenti mhux tal-PESK.

ASPETT ĠEOGRAFIKU

EWROPA U ASJA ĊENTRALI

Viċinat tal-Lvant/Sħubija tal-Lvant (SL)

Li l-Viċinat tal-Lvant ikun demokratiku, stabbli u prosperu ser tibqa' prijorità għall-UE. L-approċċ tal-UE għas-Sħubija tal-Lvant (SL) ser ikompli jibni fuq il-prinċipji maqbula fis-summit ta' Riga tal-2015 u stipulati fir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). L-UE ser tistinka biex iżżomm l-inklużività tal-kooperazzjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant. F'Mejju 2016, saret diskussjoni fil-laqgħa ministerjali dwar is-Sħubija tal-Lvant dwar il-bżonn ta' riforma u stabbiltà kontinwi fir-reġjun, bil-ħsieb tat-tħejjija tas-summit li jmiss fl-2017.

Fir-relazzjonijiet tagħha mal-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, l-UE ser tkompli tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi, li ser jgħinu fit-tmexxija tal-proċessi ta' riforma f'dawn il-pajjiżi. Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 għall-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova; il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukrajna qed jiġi applikat b'mod proviżorju.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża, li hi diġà fis-seħħ mar-Repubblika tal-Moldova, ser tkun sinjal konkret importanti tal-benefiċċji tal-assoċjazzjoni mal-UE. Fl-ewwel nofs tal-2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposti legiislattivi biex jitneħħew ir-rekwiżiti tal-viża għal ċittadini tal-Georgia u Ukreni li għandhom passaporti bijometriċi, wara l-konferma tagħha li kienu laħqu b'suċċess il-punti referenzjarji kollha skont il-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi tagħhom dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża.

Fir-relazzjonijiet mas-Sħab tal-Lvant, li ma jfittxux Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni - l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Belarussja – l-UE ser tiżviluppa alternattivi attraenti u ta' benefiċċju reċiproku abbażi ta' valuri komuni u prinċipji fundamentali tal-UE għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni komprensiva u proċessi ta' riforma sostnuti fil-pajjiżi sħab tal-Ewropa tal-Lvant.

Is-sitwazzjoni ekonomika tal-**Ukrajna** ġiet stabbilizzata mill-biċċa l-kbira bis-saħħa tal-appoġġ internazzjonali u tal-UE. Filwaqt li bdiet firxa impressjonanti ta' riformi, hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investimenti barranin. L-UE ser tkompli trawwem bidla istituzzjonali, modernizzazzjoni u stabbilizzazzjoni fl-Ukrajna permezz ta' djalogu politiku regolari ta' livell għoli u implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI). Ser tkompli l-kooperazzjoni dwar l-enerġija, inklużi n-negożjati dwar Memorandum ta' Qbil għal Sħubija Strateġika dwar l-Enerġija. Is-Summit annwali UE-Ukrajna u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni aktar tard din is-sena ser ikompli jagħtu spinta għall-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tal-Ukrajna fl-UE.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi diplomatiċi fil-format tan-Normandija u l-Grupp ta' Kuntatt Tripartitiku għal implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk tal-2014 u tal-2015, kif ukoll tagħti appoġġ finanzjarju u in natura lill-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ tal-OSKE fl-Ukrajna. L-UE ser tibqa' impenjata fil-politika tan-nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li wasslet ukoll għal miżuri restrittivi kontra r-Russja. L-UE ser tibqa' miftuħa għall-kuntatti kollha bil-għan tar-riżoluzzjoni kostruttiva ta' problemi kummerċjali (inkluż il-miżuri ta' ritaljazzjoni li ttieħdu mir-Russja kontra l-Ukrajna), minkejja li f'Diċembru 2015 ġew konklużi mingħajr suċċess id-diskussjonijiet tripartitiċi UE-Ukrajna-Russja dwar l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles approfondit u komprensiv (DCFTA). Qed jingħata segwitu għad-diskussjonijiet trilaterali dwar il-gass fil-kuntest tal-pakkett tax-xitwa.

In-nuqqas ta' stabbiltà politika fir-**Repubblika tal-Moldova** matul l-2015 kienet ostaklu ewlieni għall-progress ġenerali fl-aġenda ta' riforma. Fl-2016, minkejja li fraġli, ir-Repubblika tal-Moldova rkuprat l-istabbiltà tagħha, bil-ħatra ta' gvern ġdid f'Jannar. L-UE ser tkompli ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib, kif previst fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2016, u tiffoka fuq ir-riformi ewlenin tant meħtieġa. L-UE tibqa' lesta tgħin lir-Repubblika tal-Moldova, inkluż permezz ta' assistenza teknika u appoġġ għal proġetti, bħal missjonijiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari u konsulenti ta' livell għoli. L-UE tibqa' impenjata wkoll li tappoġġa l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fi ħdan il-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha, kif ukoll li tkompli tappoġġa l-proċess ta' riżoluzzjoni Transnistrijan u l-isforzi mwettqa mill-OSKE f'dan ir-rigward.

L-elezzjonijiet parlamentari fil-**Georgia** saru f'Ottubru 2016. L-UE laqgħet l-elezzjonijiet parlamentari fil-Georgia, li saru b'mod ġeneralment paċifiku u ordnat. Minbarra xi inċidenti ta' vjolenza qrib u fil-postijiet tal-votazzjoni, il-valutazzjoni preliminari tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-OSKE/ODIHR sabet li l-elezzjonijiet kienu kompetittivi, immexxija sew u rrispettaw il-libertajiet fundamentali. L-UE tistenna bil-ħerqa li taħdem ma' parlament u gvern ġodda eletti demokratikament ladarba l-proċess elettorali jkun lest u tappella biex ir-rappreżentanti kollha eletti fil-parlament il-ġdid jaħdmu flimkien fl-interess tal-Georgia. L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Georgia biex tegħleb il-konsegwenzi tal-konflitt fir-reġjuni separatisti tal-Georgia ta' Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, inkluż permezz tal-attivitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia. Hija ser tibqa' impenjata bis-sħiħ lejn il-politika tagħha li tappoġġa s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Georgia bil-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha.

Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-**Armenja** huma ffukati fuq in-negozjar ta' ftehim qafas ġdid li ser jagħti spinta ġdida għall-intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali tagħna. Barra minn hekk, ser jintlaħaq qbil konġunt dwar Prijoritajiet tas-Sħubija ġodda biex jieħdu post il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV li issa huwa antikwat. Wara r-referendum kostituzzjonali tas-sena l-oħra, huwa importanti li l-Armenja timplimenta l-Kodiċi Elettorali l-ġdid u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-OSKE u tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) ħafna qabel l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss fl-2017. L-UE ser tikkontribwixxi, bħala d-donatur ewlieni, biex tiġi koperta l-parti l-kbira tal-piż finanzjarju tal-elezzjonijiet parlamentari li jmiss.

Id-djalogu tal-UE mal-**Ażerbajġan** ser ikollu l-għan li jniedi negozjati dwar Ftehim Komprensiv ġdid. Minkejja li kien hemm xi progress fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, din għadha waħda tat-tħassib. L-Ażerbajġan għandu rwol ewlieni fid-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tal-UE. Ladarba jitlesta l-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, dan għandu l-potenzjal li jżid is-sehem tal-Ażerbajġan fis-suq tal-enerġija tal-UE u li jistabbilixxi l-pajjiż bħala attur primarju għall-provvista tal-gass mix-xtut tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Baħar Kaspju.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni mwettqa mill-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE sabiex tinstab soluzzjoni negozjata għall-konflitt Nagorno-Karabakh.

Fi Frar 2016, il-Kunsill qabel li jneħħi l-parti l-kbira tal-miżuri restrittivi applikati fuq il-**Belarussja**, b'rikonoxximent tal-passi meħuda mill-pajjiż f'dawn l-aħħar sentejn li kkontribwixxew ukoll għat-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja. Madankollu, l-UE tibqa' mħassba dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiż. Filwaqt li tikkundanna l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, l-UE tħeġġeġ lill-Belarussja biex tistabbilixxi mingħajr dewmien moratorju formali fuq l-eżekuzzjonijiet bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Issa hemm opportunità biex ir-relazzjonijiet UE-Belarussja jiżviluppaw aġenda aktar pożittiva inkluż il-bidu tal-ħidma fuq il-ftehim dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija konġunti. Aktar assistenza tal-UE ser tkun immirata lejn l-isforzi ta' modernizzazzjoni tal-Belarussja. Il-passi konkreti li ħadet il-Belarussja biex tirrispetta l-libertajiet fundamentali universali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem ser jibqgħu element ewlieni fit-tiswir tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u l-Belarussja.

Russja

L-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mir-Russja u d-destabilizzazzjoni kontinwa tal-Ukrajna ser jibqa' jkollhom impatt fuq ir-relazzjonijiet mal-UE. Sabiex iżżomm mal-eżitu tad-diskussjoni tal-Kunsill Affarjiet Barranin ta' Marzu 2016, li stabbilixxa ħames prinċipji ta' involviment u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2015 li rabtu d-durata tal-miżuri restrittivi kontra r-Russja mal-implimentazzjoni kompleta tal-ftehimiet ta' Minsk, l-Unjoni ser tkompli l-approċċ fuq żewġ binarji tagħha ta' fermezza flimkien mal-kuntatt diplomatiku.

Minkejja li d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja baqgħu limitati fin-nuqqas ta' rizzoluzzjoni tal-konflitt tal-Ukrajna, u qed ikomplu jsiru aktar komplikati bl-azzjonijiet militari tar-Russja fis-Sirja mill-2015 'l hawn, l-UE ser iżżomm il-mezzi ta' komunikazzjoni miftuħin u tinvolvi ruħha b'mod selettiv mar-Russja fi kwistjonijiet fejn hemm interess ċar tal-UE, bħas-Sirja, il-Libja, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, l-Afganistan, l-Iran, kif ukoll kwistjonijiet globali. Għadhom għaddejjin ukoll programmi ta' kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali.

L-UE ser tkompli tappella wkoll lir-Russja biex timxi mal-impenji internazzjonali tagħha, bħar-rispett tas-sovranità u l-integrità territorjali ta' pajjiżi oħra, l-istat tad-dritt u l-kwistjonijiet ta' governanza tajba, u d-WTO. Bil-ħsieb tal-pressjoni kontinwa fuq is-soċjetà ċivili, is-sitwazzjoni problematika tad-drittijiet tal-bniedem u l-limitazzjoni tal-libertà tal-media fir-Russja, l-Unjoni ser tkompli tqajjem il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-interlokutori Russi u ser tintensifika l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili Russa kif ukoll il-kuntatti bejn il-popli tagħna. L-UE ħadet nota tat-tħassib imqajjem mill-OSKE/ODIHR fir-rigward ta' restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet politiċi, kontroll qawwi fuq il-media u kontroll li qed jżdzied fuq is-soċjetà ċivili, kif ukoll nuqqasijiet relatati mar-reġistrazzjoni ta' kandidati u l-qafas legali, li affettwaw b'mod negattiv l-ambjent elettoralu qabel l-elezzjonijiet għad-Duma tal-Istat fil-Federazzjoni Russa. L-UE tistenna li l-awtoritajiet Russi jagħmlu l-almu tagħhom biex jindirizzaw dan it-tħassib abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-ODIHR. L-UE ma tirrikonoxxix l-annessjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u għalhekk ma tirrikonoxxix iż-żamma ta' elezzjonijiet fil-peniżola tal-Krimea. L-UE tistenna wkoll li l-istati kollha li huma f'pożizzjoni li jassistu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għat-traġedja tat-titjira MH17 jagħmlu dan, kif mitlub mir-Rizzoluzzjoni 2166 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

Turkija

L-UE kienet qed taħdem fl-2015 u l-2016 biex tikkonsolida u tiżviluppa livell għoli ta' djalogu u impenn mat-Turkija bħala pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni lil hinn mill-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati, kif intwera mill-kuntatti intensifikati ta' livell għoli bejn l-UE u t-Turkija mill-ħarifa tal-2015 'l hawn u wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2015. Filwaqt li ffukaw b'mod ewlieni fuq l-indirizzar tal-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni, huma laħqu l-qofol f'summit fid-29 ta' Novembru 2015 li rrikonoxxa l-importanza li l-UE u t-Turkija jaħdmu mill-qrib flimkien fuq kwistjonijiet ta' interess vitali għat-tnejn li huma.

L-UE kkundannat bis-saħħa t-tentattiv ta' kolp ta' stat fit-Turkija fil-15 ta' Lulju 2016. Sussegwentement, fil-21 ta' Lulju, tħabbar stat ta' emerġenza. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2016, l-UE kkundannat bis-saħħa t-tentattiv ta' kolp ta' stat, u tenniet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet leġittimi tal-pajjiż, u appellat għal osservanza sħiħa tal-ordni kostituzzjonali tat-Turkija, b'enfasi fuq l-importanza li jirbaħ l-istat tad-dritt. L-UE ssottolinjat il-ħtieġa tar-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u d-dritt ta' kull persuna għal proċess ġust f'konformità sħiħa mal-Konvenzjoni għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkluż il-Protokoll 13 dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Fid-dawl ta' dawn l-avvenimenti, l-UE ser issegwi dawn il-kwistjonijiet bl-ogħla livell ta' skrutinju, filwaqt li tibqa' impenjata li taħdem flimkien ma' Turkija demokratika, inklużiva u stabbli biex tindirizza l-isfidi komuni.

Is-Summit UE-Turkija ta' Novembru 2015 ta' bidu wkoll għal kooperazzjoni mġedda mat-Turkija (enerġija ġdida għan-negozjati tal-adeżjoni, l-aċċellerazzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-viża, aktar finanzjament ta' EUR 3 biljun permezz tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, u l-attivazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-refuġjati). Intlaħaq ukoll qbil li kien essenzjali djalogu ta' livell għoli strutturat u aktar frekwenti biex jiżdied il-potenzjal tar-relazzjonijiet UE-Turkija: summits regolari darbtejn fis-sena; laqgħat ta' djalogu politiku regolari u komprensivi fil-livell ministerjali/tar-rappreżentant għoli/tal-kummissarji, flimkien mal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni regolari; diskussjonijiet regolari u kooperazzjoni fil-politika barranija u ta' sigurtà, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll djalogi ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tematiċi ewlenin bħall-ekonomija u l-enerġija.

Wara s-summit kien hemm Djalogu Politiku ta' Livell Għoli (HLPD) UE-Turkija li sar f'Ankara fil-25 ta' Jannar 2016. F'din l-okkażjoni, intlaħaq qbil dwar Pjan ta' Ħidma konġunt ta' sitt xhur. Barra minn hekk, l-HLPD ta l-opportunità biex jiġu diskussi b'mod komprensiv u koerenti l-kwistjonijiet ewlenin kollha fuq l-aġendi taż-żewġ naħat biex dan jgħin fit-tħejjija tas-summits futuri UE-Turkija. Fit-28 ta' Jannar 2016, sar Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Enerġija f'Istanbul. Sar Djalogu Ekonomiku ta' Livell Għoli fil-25 u s-26 ta' April 2016 f'Ankara u Istanbul. L-UE u t-Turkija nedew passi ta' tħejjija għat-titjib u l-modernizzazzjoni tal-unjoni doganali u bħalissa l-Kummissjoni qed tlesti studju ta' valutazzjoni tal-impatt bil-ħsieb li tippreżenta abbozz ta' direttivi ta' negozjar fl-aħħar tliet xhur tal-2016.

L-urġenza li tkompli bla waqfien tal-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni wasslet lill-President Tusk biex isejjaq laqgħa straordinarja tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern mat-Turkija. Wara l-ewwel laqgħa fis-7 ta' Marzu 2016, ġiet maqbula Dikjarazzjoni Konġunta mat-Turkija, abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Turkija, fit-18 ta' Marzu 2016, bl-għan fost oħrajn li jtkisser il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' persuni u li jitneħħa l-inċentiv li wieħed ifittex rotot irregolari lejn l-UE, f'konformità mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali. Skont l-aħħar valutazzjonijiet dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Kongunta¹, it-tnaqqis sostanzjali kemm fl-qsim kif ukoll fl-imwiet sa mid-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni hu xhieda tat-twettiq effettiv tagħha u b'mod partikolari xhieda li jista' jtkisser il-mudell kummerċjali ta' faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' persuni li jisfruttaw il-migranti u r-refuġjati. Filwaqt li l-iskala ġenerali tal-flussi lejn il-Greċja tibqa' ħafna inqas minn qabel id-Dikjarazzjoni, dawn jistħoqqilhom monitoraġġ bir-reqqa. Għalhekk huwa importanti li kontinwament tiġi ssorveljata s-sitwazzjoni, u li jittieħdu miżuri preventivi. It-tisħiħ tal-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet Torok u l-kontropartijiet tagħhom fl-UE ser ikunu fattur importanti fl-indirizzar ta' kwalunkwe riskju emerġenti. Fl-UE, ittieħdu miżuri biex jiġu protetti fruntieri vulnerabbli. Fuq it-talba mill-awtoritajiet Bulgari għal appoġġ addizzjonali, il-Frontex saħħet gradwalment il-preżenza tagħha fil-fruntieri Bulgari mat-Turkija (kif ukoll mas-Serbja). It-Turkija għandha tkompli bl-isforzi biex timplimenta d-Dikjarazzjoni Konġunta b'mod effettiv u sostenibbli. L-UE tfaħħar lit-Turkija għall-ġenerożità tagħha li tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' aktar minn żewġ miljun refuġjat Sirjan.

Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija ġiet stabbilita bi tweġiba għall-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali sinifikanti bħala appoġġ għar-refuġjati Sirjani fil-pajjiż. Il-Faċilità tiffoka fuq l-assistenza umanitarja, l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura municipli u l-appoġġ soċjoekonomiku. Issa hija kompletament operazzjonali u ħafna mit-EUR 3 biljun globali previsti għas-snin 2016-2017 ġie allokat. Fir-rigward tat-tneħħija tar-rekwiżiti ta' viża għaċ-ċittadini Torok, it-Turkija għad trid tilħaq sebgħa mit-72 punt ta' riferiment definiti fil-Pjan Direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi. Filwaqt li jiddispijaciha dwar l-istqarrijiet unilaterali tat-Turkija f'dan ir-rigward, li ma għandhom ebda effett legali, l-UE tissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva kemm tal-ftehim ta' riammissjoni kif ukoll tal-pjan direzzjonali dwar il-viża fir-rigward tal-Istati Membri kollha, inkluż il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ĠAI u l-aċċess nondiskriminatorju mingħajr viża għat-territorju Torok taċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-UE.

¹ COM(2016) 634 final, 28 ta' Settembru 2016.

Sar Djalogu Politiku ta' Livell Għoli f'Ankara fid-9 ta' Settembru 2016 li kopra l-iżviluppi f'diversi linji ta' kooperazzjoni, inkluż l-iżviluppi ewlenin fil-politika barranija, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni, l-enerġija u r-relazzjonijiet ekonomiċi. L-UE tenniet l-appoġġ tagħha għall-poplu Tork u l-istituzzjonijiet demokratiċi u bagħtet messaġġ ċar li t-Turkija għandha tirrispetta l-istat tad-dritt, tipproteġi l-libertà tal-media u tiggarantixxi d-dritt ta' kull individwu għal proċess ġust u dovut. Is-sitwazzjoni għall-Kurdi u l-kwistjoni Kurda ġew diskussi wkoll. L-UE ddikjarat li l-vjolenza u l-attakki terroristiċi kollha għandhom jieqfu u jkun hemm waqfien mill-ġlied akkumpanjat minn proċess politiku.

F'Diċembru 2015, l-UE ħadet nota tal-ħsieb tal-Kummissjoni li tippreżenta d-dokumenti ta' thejġija ta' għadd ta' kapitoli fl-ewwel kwart tal-2016, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri. L-UE qalet ukoll li t-Turkija tista' taċċellera l-pass tan-negożjati ta' adeżjoni, billi timxi 'l quddiem fl-issodisfar tal-punti ta' riferiment, tissodisfa r-rekwiżiti tal-qafas ta' negożjar u billi tirrispetta l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn l-UE. L-UE tkompli tappella lit-Turkija biex progressivament tallinja ruħha mal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar.

Jeħtieġ li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajbin mal-viċinat u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, għal darba oħra l-Unjoni tesprimi tħassib serju, u thegġegħ lit-Turkija biex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew sors ta' tensjoni jew azzjonijiet, li jkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajbin mal-viċinat u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. Barra minn hekk, l-UE terġa' tenfasizza d-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE. Dan jinkludi, fost oħrajn, id-dritt ta' dħul fi ftehimiet bilaterali u tal-esplorazzjoni u l-isfruttar ta' riżorsi naturali f'konformità mal-acquis tal-UE u d-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar u tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi rispettata s-sovranià tal-Istati Membri fuq il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom. It-Turkija tithegġegħ biex toqgħod pass lura u tirrispetta s-sovranià ta' Ċipru fuq il-baħar territorjali tiegħu u d-drittijiet sovrani ta' Ċipru fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu.

It-Turkija, minkejja talbiet ripetuti, tkompli tirrifjuta li tissodisfa l-obbligu tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni lejn l-Istati Membri kollha, li jekk jiġi ssodisfat jista' jagħti spinta sinifikanti lill-proċess ta' negozjati. Fin-nuqqas ta' progress dwar din il-kwistjoni, l-UE ser iżomm fis-seħħ il-miżuri tagħha tal-2006, li ser ikollhom effett kontinwu fuq il-progress ġenerali tan-negozjati. Barra minn hekk, hu ta' dispjaċir li t-Turkija għadha ma għamlitx progress lejn in-normalizzazzjoni meħtieġa tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. L-UE tfakkar fil-pożizzjoni tagħha dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri tal-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

Filwaqt li tinnota l-iżviluppi inkoraġġanti tul din l-aħħar sena, u kif enfasizzat mill-Qafas ta' Negozjar, il-UE tistenna li t-Turkija tappoġġa b'mod attiv in-negozjati bil-għan li jwasslu għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli tal-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal tali soluzzjoni komprensiva jibqgħu kruċjali.

Balkani tal-Punent

Fl-2016, l-attenzjoni tal-UE ffukat fuq l-indirizzar tal-fatturi li ġejjin marbut mal-istabbiltà politika u s-sigurtà: it-tkomplija tal-faċilitazzjoni tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo* u s-Serbja, il-mitigazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà mill-polarizzazzjoni politika fil-Kosovo fl-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-trawwim tal-istatus ta' stat funzjonali u l-iżvilupp soċjoekonomiku fil-Bożnija-Herzegovina, il-konsolidazzjoni tal-orjentazzjoni tas-Serbja lejn l-UE u aktar tisħiħ tar-riforma u tal-istat tad-dritt fl-Albanija u l-Montenegro. L-UE tibqa' impenjata għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. L-UE ser tkompli tenfasizza wkoll fid-djalogu mal-pajjiżi rilevanti tal-Balkani tal-Punent l-aspettattivi tagħha li tkompli tapprofondixxi l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' politika barranija u l-allinjament progressiv mal-pożizzjonijiet ta' politika barranija tal-UE, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet fejn huma involuti interessi komuni importanti, bħal miżuri restrittivi.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

Il-proċess ta' normalizzazzjoni bejn Belgrad u Pristina, (djalogu ffaċilitat mill-UE) għandu jkompli f'bona fide fl-2016 u lil hinn, u l-ftehimiet kollha tad-Djalogu għandhom jiġu implimentati miż-żewġ naħat. Laqgħat tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn Pristina u Belgrad, iffaċilitati mir-RGħ/VP, huma mistennija li jkomplu għaddejjin. Wara elezzjonijiet fis-Serbja u l-Kosovo, hemm momentum għdid fil-proċess. Għadu essenzjali aktar progress fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha tad-Djalogu biex timxi 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tagħhom.

Fil-**Kosovo**, minkejja li l-oppożizzjoni tilfet l-għaqda li kellha, il-polarizzazzjoni sinifikanti, bil-potenzjali li terġa' tinqala' vjolenza okkażjonali mill-oppożizzjoni ser tkun riskju kontinwu fl-2016. Il-mandat tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt (EULEX) ġie estiż sa Ġunju 2018. Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn l-UE u l-Kosovo daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016 u l-ewwel Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni ser isir qabel tmiem l-2016.

Il-Kosovo għamel progress sinifikanti fl-issodisfar tar-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, li wassal għal proposta formali mill-Kummissjoni f'Mejju 2016 biex il-Kosovo jiġi ttrasferit għal-lista ta' pajjiżi eżentati mill-obbligu ta' viża ta' Schengen, bl-intendiment li, sal-jum tal-adozzjoni ta' din il-proposta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kosovo jkun irratifika l-ftehim tal-fruntieri/limiti mal-Montenegro u jkun saħħaħ ir-rekord tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. L-UE tfakkar li għandhom jitħarsu ż-żewġ punti ta' riferiment li fadal. L-UE tfakkar ukoll li, fir-rigward ta' benefiċjarji oħrajn tal-liberalizzazzjoni tal-viża, tista' tapplika klawwsola ta' salvagwardja f'każ li ma jiġux rispettati l-kondizzjonijiet rilevanti.

Wara l-ftuħ tal-ewwel żewġ kapitoli tan-negożjati mas-**Serbja** f'Diċembru 2015, ser ikun importanti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fin-negożjati tal-adeżjoni. Iż-żewġ kapitoli kkonċernati (23 - Ġudikatura u Drittijiet fundamentali u 24 – Ġustizzja, libertà u sigurtà) infetħu f'Lulju 2016, u dan għandu fost oħrajn jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' rekord f'dawn l-oqsma. L-UE tinkoraġġixxi lis-Serbja biex tmexxi 'l quddiem dan l-impetu pożittiv u tintensifika r-riformi legiſlattivi u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fl-oqsma ewlenin tar-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-libertà tal-espressjoni u l-mezzi tal-informazzjoni. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, speċjalment ir-Rom, kif ukoll lill-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minoranzi, it-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali fis-Serbja kollha, inkluż fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu ta' lingwi minoritarji, l-aċċess għas-servizzi tal-media u dawk reliġjużi bil-lingwi minoritarji, u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru.

Wara l-elezzjonijiet ġenerali bikrija f'April 2016, fejn il-Prim Ministru Vucic rebaħ approvazzjoni ċara għall-politika tal-integrazzjoni tal-UE, jeħtieġ li l-gvern il-ġdid jiffoka fuq ir-riformi ewlenin. Ser ikun importanti wkoll li s-Serbja żżomm attitudni kostruttiva lejn il-ġirien kollha tagħha u tibqa' impenjata b'mod pożittiv fl-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali. L-UE ser tkompli tappella lis-Serbja biex progressivament tallinja ruħha mal-politika Eſtera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar.

F'Settembru 2016, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tagħti l-Opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-**Bożnija-Herzegovina** għas-sħubija fl-UE. Implimentazzjoni kontinwa u effettiva tal-Aġenda ta' Riforma u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, iffukata fuq ir-riforma soċjoekonomika, tal-istat tad-dritt u tal-amministrazzjoni pubblika, hija vitali. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdic-Finci.

Il-Protokoll dwar l-adattament tal-FSA biex jieħu kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE ġie inizjalat f'Lulju 2016. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE, stabbilit f'Awwissu 2016, ser ikollu jiffunzjona b'mod effettiv sabiex il-laqgħat ippjanati tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jkunu jistgħu jwettqu ħidmiethom, anke fid-dawl tal-proċess tal-opinjoni mal-Kummissjoni relatata mal-applikazzjoni għas-sħubija fl-UE. F'Settembru 2016 ġie ffirmat arranġament ġdid tal-FMI. F'Novembru 2016 mistenni jittieħed vot fil-KSNU dwar it-tiġdid tal-mandat tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (EUFOR/ALTHEA). Il-BiH ukoll qed timmira li tieħu passi lejn sħubija man-NATO skont l-aspirazzjonijiet tagħha.

L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għadha fraġli minħabba l-elezzjonijiet ġenerali bikrija (miftiehma li jsiru fil-bidu tal-2016 fil-qafas tal-ftehim politiku tal-2015 iffaċilitat mill-UE ta' Ġunju/Lulju bejn l-erba' partiti ewlenin) wara li ġew posposti darbtejn, u li issa għandhom isiru fil-11 ta' Diċembru 2016. Madankollu, ser ikun meħtieġ li l-gvern jindirizza l-kwistjonijiet sistemiċi tal-istat tad-dritt li nkixfu bir-rivelazzjoni tas-sorveljanza illegali ta' persuni pubbliċi. In-nuqqas li jiġi indirizzat dan it-tħassib jista' jwassal għal aktar instabbiltà politika u tensjoni pubblika. Ser ikompli l-proċess tal-persuni ssuspettati ta' Kumanovo mixlija bit-terroriżmu. L-UE tistenna li l-pajjiż jindirizza r-relazzjonijiet tajbin mal-viċinat mal-Greċja u l-Bulgarija, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2015, u biex iqiegħed fil-prattika l-impenn rilevanti mill-mexxejja tal-partiti politiċi ewlenin skont il-ftehim tat-2 ta' Ġunju. L-UE ser tkompli ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib u ser tibqa' impenjata lejn il-proċess ta' adeżjoni mal-UE tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Fil-**Montenegro**, il-gvern u l-partiti ewlenin fl-oppożizzjoni qablu dwar arranġament ta' kondivizzjoni tal-poter fir-rebbiegħa tal-2016 bil-għan li jkun hemm elezzjonijiet ġenerali kredibbli f'Ottubru 2016, li juri l-maturità politika tal-pajjiż. Wara l-ftuħ ta' żewġ kapitoli oħra f'Ġunju, il-Montenegro baqa' jagħmel progress fl-istat tad-dritt, inkluż billi jistabbilixxi rekord b'saħħtu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, huwa essenzjali għall-ftuħ u l-ġheluq tal-kapitoli li fadal ta' negozjati għall-adeżjoni. Il-membri tan-NATO ffirmaw il-Protokoll tal-Adeżjoni tal-Montenegro f'Mejju 2016 u r-ratifika għadha għaddejja. L-integrazzjoni Ewro-Atlantika tal-pajjiż ser ikollha impatt pożittiv fuq l-istabbiltà fil-bqija tar-reġjun.

L-Albanija kompliet tagħmel progress kostanti fl-indirizzar tal-ħames prijoritajiet ewlenin (ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-drittijiet tal-bniedem - inkluż il-protezzjoni tal-minoranzi u l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà) identifikati għall-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni. Għandu tiġi żgurata l-implimentazzjoni sostnuta, komprensiva u inklużiva tagħhom. Ġiet adottata leġislazzjoni ewlenija għal riforma komprensiva biex jissaħħu l-indipendenza u r-responsabbiltà tas-sistema ġudizzjarja mill-parlament Albaniż fis-sajf tal-2016, u għandu jkun possibbli li l-pajjiż jibda b'passi serji ta' implimentazzjoni matul is-sena. Ser jinħtieġu sforzi ulterjuri f'dawn il-prijoritajiet ewlenin.

Sabiex tingħata għajnuna fl-indirizzar tal-kwistjonijiet li fadal dwar il-**migrazzjoni** fir-rotta tal-Balkani tal-Punent, jeħtieġ li jkomplu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi tar-reġjun matul l-2016, inkluż is-segwitu tal-assistenza pprovduta għall-ġestjoni tal-fruntieri, it-titjib tal-kapaċitajiet ta' akkoljenza u l-ġlieda kontra n-netwerks tal-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin. Jeħtieġ li l-ippjanar ta' kontinġenza fir-rigward tar-rotot alternattivi tal-migrazzjoni jkun fis-seħħ fil-bqija tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-monitoraġġ kontinwu b'mod partikolari fl-Aġenziji tal-UE hu prijorità sabiex jittrażnu l-iżviluppi ulterjuri possibbli tal-attivitajiet tal-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin fir-reġjun.

Il-kooperazzjoni reġjonali inklużiva u r-relazzjonijiet tajbin mal-viċinat ser jibqgħu essenzjali għall-istabbiltà u l-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Ser jibqgħu neċessarji sforzi kontinwi għall-faċilitazzjoni tal-inklużività fl-2016, speċjalment fir-rigward ta' inizzjattivi/fora reġjonali dwar l-istat tad-dritt. Is-Summit tal-Proċess ta' Kooperazzjoni tax-Xlokk tal-Ewropa tal-1 ta' Ġunju f'Sofija u l-Konferenza ta' Pariġi tal-4 ta' Lulju 2016 skont il-Proċess ta' Berlin (is-Summit tal-Balkani tal-Punent) iddiskutew kwistjonijiet politiċi urġenti u l-konnettività avvanzata tat-trasport u l-enerġija fir-reġjun u mal-UE. Il-konferenza ta' Pariġi ffukat ukoll fuq l-inizzjattivi għaż-żgħażagħ, bħall-aġenda Pożittiva għaż-żgħażagħ fil-Balkani tal-Punent immedja fl-2015 skont il-proċess ta' Brdo-Brijuni. Il-programm tal-2017-2019 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR), li ġie approvat f'Ġunju 2016, ser ikompli jenfasizza l-elementi fundamentali bħall-istat tad-dritt, il-governanza ekonomika u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika biex tiġi żgurata integrazzjoni akbar fil-Balkani tal-Punent u membri oħra tal-KKR. L-UE ser tkompli tappoġġa l-inizzjattivi u l-istrutturi li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali inklużiva fl-Ewropa tax-Xlokk u l-Balkani tal-Punent.

L-UE identifikat lill-Balkani tal-Punent bħala reġjun prijoritarju għal azzjoni esterna dwar il-**ġlieda kontra t-terroriżmu**. Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ser itejbu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-UE u l-awtoritajiet rilevanti tal-Balkani tal-Punent dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li jiffukaw fuq l-isforzi ta' koordinazzjoni permezz tal-Inizzjattiva għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fil-Balkani tal-Punent li nbdiat mis-Slovenja. Is-SEAE, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati l-oħra ser iħejju proġett ta' assistenza reġjonali 2017-19 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u s-sigurtà tal-fruntieri fil-qafas tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

Ewropa tal-Punent

Sa fejn huma kkonċernati r-relazzjonijiet tal-UE mal-**Iżvizzera**, l-2016 hija sena kruċjali. Il-Kunsill Federali huwa meħtieġ mill-Kostituzzjoni li jbidel il-vot popolari tad-9 ta' Frar 2014 f'leġislazzjoni ta' implimentazzjoni sa Frar 2017. Hemm riskju li din il-leġislazzjoni ma tkunx kompatibbli mal-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar il-Moviment Liberu tal-persuni. Ser ikollhom isiru għażliet strateġiċi kemm min-naħa tal-Iżvizzera kif ukoll mill-UE. In-natura tar-relazzjoni globali tagħna ovvjament ser tiddependi mill-eżitu ta' dan il-proċess.

Komplew il-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju mal-Iżvizzera f'oqsma bħall-Kawkasu tan-Nofsinhar (OSKE Żvizzera-Mibgħut Speċjali), il-proċess demokratiku fl-Afrika ta' Fuq, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Iran. Għalkemm m'hemm l-ebda ftehim ta' allinjament bejn l-UE u l-Iżvizzera, x'aktarx li l-Iżvizzera tkompli tallinja ruħha b'mod awtonomu mal-pożizzjonijiet u l-miżuri tal-UE.

Hemm kooperazzjoni tajba ħafna u mill-qrib bejn l-UE u **n-Norveġja** fil-qasam tal-politika barranija, b'mod partikolari dwar il-Lvant Nofsani (fejn in-Norveġja hija l-President tal-Kumitat ta' Kollegament Ad-Hoc), is-Sirja, ir-Russja/l-Ukrajna u l-kwistjonijiet Artiċi. In-Norveġja involuta wkoll f'taħditiet ta' paċi fil-Kolombja (kofaċilitatur ma' Kuba). In-Norveġja ser tibqa' sieħeb ewlieni fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, ir-riżoluzzjoni ta' kriżijiet, l-għajnuna għall-iżvilupp u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Ir-relazzjonijiet mal-**istati żgħar ta' Andorra, Monaco u San Marino** biddlu r-ritmu minn mindu nfetħu n-negożjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni wieħed jew aktar fil-bidu tal-2015. Il-proċess tan-negożjati ser ikompli matul l-2016 permezz ta' eżerċizzju ta' screening estensiv tal-acquis rilevanti tal-UE fil-qasam tal-erba' libertajiet, u d-diskussjoni dwar l-istruttura istituzzjonali futura tar-relazzjonijiet tagħna.

Asja Ċentrali

Fl-Asja Ċentrali, l-UE qed tiffoka fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-governanza tajba biex tissaħħaħ l-istabbiltà tar-reġjun, f'konformità mal-**Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali**, adottata f'Ġunju 2015. L-UE, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fir-reġjun, għandha l-mira wkoll li tippromwovi sinerġiji partikolarment mal-Afganistan. Minbarra l-iżvilupp ekonomiku u l-governanza tajba, l-UE tistinka biex tippromwovi aktar kooperazzjoni fis-settur tal-edukazzjoni, fi kwistjonijiet marbutin mal-ilma u l-ambjent u fl-istat tad-dritt, kif ukoll ħarsien imsaħħaħ għad-drittijiet tal-bniedem. Hemm relazzjoni istituzzjonali b'saħħitha u stabbilita li dehret bid-Djalogu Politiku u ta' Sigurtà ta' Livell Għoli f'Mejju 2016 u l-laqgħa Ministerjali UE - Asja Ċentrali fl-4 ta' Ottubru.

Ser ikun importanti li jiġu żgurati l-applikazzjoni proviżorja u r-ratifika b'suċċess tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni Msaħħa mal-**Każakistan**. Il-**Kirgiżistan** ser ikollu elezzjonijiet presidenzjali fl-2017 u transizzjoni demokratika b'suċċess tal-poter ser isservi ta' eżempju importanti għar-reġjun kollu. Fl-**Użbekistan** qed tibda l-era ta' wara Karimov u ser ikun importanti li l-UE tagħmel kuntatt mat-tmexxija l-għdida tal-pajjiż bl-akbar popolazzjoni fl-Asja Ċentrali. Il-**Taġikistan** qed iħabbat wiċċu ma' għadd ta' sfidi, minn ekonomija li qed tiċkien għal miżuri dejjem aktar repressivi fil-konfront tal-oppożizzjoni, li jeħtieġ li jiġu ssorveljati bir-reqqa. Huwa importanti li jissaħħu r-rabtiet mat-**Turkmenistan** b'mod partikolari fid-dawl tal-potenzjal tal-pajjiż bħala fornitur ewlieni tal-gass għall-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar.

L-Artiku

L-attenzjoni dinjija mogħtija lill-**Artiku** żdiedet b'mod konsiderevoli, fid-dawl tal-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, f'termini ta' aċċess għal sorsi ġodda ta' enerġija u minerali, u l-ftuħ ta' rotot ġodda ta' tbaħħir. F'April 2016, ir-RGħ u l-Kummissjoni ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta dwar politika integrata tal-Unjoni Ewropea għall-Artiku, li ntlaqgħet mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2016. Din il-politika tqis dawn l-iżviluppi reċenti, kif ukoll l-aspirazzjonijiet soċjoekonomiċi tal-abitanti lokali u l-ħtieġa li l-Artiku jinżamm reġjun ta' kooperazzjoni internazzjonali kostruttiva.

Viċinat tan-Nofsinhar

L-istabbilizzazzjoni tar-reġjun f'termini politiċi, ekonomiċi, u ta' sigurtà hija fil-qalba tal-politika tal-UE. L-UE ser tiftaħ fażi ġdida ta' impenn ma' pajjiżi fil-viċinat tan-Nofsinhar bil-għan li tibni sħubija aktar effettiva fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, fuq il-bażi ta' differenzjazzjoni msaħħa u sjieda konġunta. L-UE ser tkompli wkoll tippromwovi aktar integrazzjoni reġjonali b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) u żżid id-djalogu mad-dinja Għarbija u b'hekk tiżviluppa l-potenzjal ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet bħal-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC).

L-UE qed iżżid l-impenn ma' pajjiżi li qed jimplimentaw riformi politiċi u ekonomiċi bħat-Tuneżija, il-Ġordan u l-Marokk. Dan ser jissarraf fi djalogu politiku msaħħa, għajnuna finanzjarja sinifikanti mill-UE (kemm għotjiet kif ukoll self), qbil dwar il-prijoritajiet għas-sħubija tagħna, kif ukoll progress foqasma ewlenin ta' politika. B'mod speċifiku fuq is-sigurtà, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill u d-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2015, l-UE nediet djalogi kontra t-terroriżmu mas-sħab u r-reviżjoni tal-PEV tipproponi miżuri biex tissaħħa ir-reżistenza tas-sħab kontra t-theddid, bħall-ġlieda kontra t-theddida terroristika u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kif ukoll l-appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri. Ser jissokta wkoll djalogu bħala prijorità fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Il-Ġordan u l-Libanu ser jingħataw appoġġ komprensiv fl-għamla ta' patti tal-UE għar-rwol ewlieni tagħhom fl-ospitar ta' kważi 2 miljun refuġjat Sirjan².

L-UE hija impenjata lejn it-transizzjoni demokratika tat-**Tuneżija** u ser issaħħa l-appoġġ tagħha għall-isforzi tal-pajjiż biex jindirizza l-isfidi kritiċi li qed jiffaċċa u jippromwovi l-istabbiltà fit-tul, ir-reżiljenza, il-governanza tajba, l-iżvilupp soċjoekonomiku, u s-sigurtà abbażi tal-Komunikazzjoni Konġunta ppreżentata mill-Kummissjoni u r-RGħ f'Settembru 2016.

² Ara l-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Ġdid ta' Sħubija

Fil-**Libja**, l-UE tappoġġa lill-Kunsill tal-**Presidenza** u lill-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali, stabbiliti wara li ġie ffirmat il-Ftehim Politiku dwar il-Libja appoġġat min-NU u ġiet adottata l-UNSCR 2259 f'Diċembru 2015, biex tgħinhom itemmu l-kriżi politika u ta' sigurtà attwali. L-UE mmobilizzat pakkett ta' kooperazzjoni ta' EUR 100 miljun b'appoġġ għall-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali u l-poplu Libjan, li parti minnu diġà qed tiġi implimentata.

L-UE għandha l-għan li ssaħħa id-djalogu strateġiku tagħha mal-**Marokk** b'mod partikolari dwar is-sigurtà, ir-riformi demokratiċi u l-migrazzjoni bil-ħsieb li jingħelbu żviluppi reċenti u jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tas-sħubija tagħna.

L-Alġerija wriet li hija sieħeb affidabbli fir-rigward tas-sigurtà u l-enerġija. In-negożjati dwar prijoritajiet ġodda ta' sħubija għaddejjin.

L-UE qed tinnegozja wkoll il-prijoritajiet ta' Sħubija mal-**Eġittu**, li miegħu r-riformi demokratiċi, l-iżvilupp soċjoekonomiku u d-drittijiet tal-bniedem ser ikomplu jkunu parti ċentrali tar-relazzjonijiet tagħna, b'kont meħud tar-rwol ewlieni tal-Eġittu fis-sigurtà reġjonali, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

F'konformità mar-reviżjoni tal-PEV, il-prijoritajiet ta' Sħubija qed jiġu negożjati wkoll mal-**Ġordan** u l-**Libanu**.

Fil-kuntest tal-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, l-UE, inkluż permezz tar-RSUE tagħha, ser iżżid l-involviment tagħha mal-partijiet u s-sħab internazzjonali biex tinholq dinamika ġdida favorevoli għan-negozjati. L-UE ttenni l-impenn determinat tagħha favur is-soluzzjoni ta' żewġ stati u l-politiki eżistenti tagħha, kif stipulati f'konklużjonijiet suċċessivi tal-Kunsill, u t-tħassib tagħha dwar it-tħeddid li qed jikber kontra dik is-soluzzjoni. L-UE tfakkar li l-insedjamenti huma illegali skont id-dritt internazzjonali, jikkostitwixxu ostakolu għall-paċi u jheddu l-possibbiltà ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, u ttenni l-oppożizzjoni qawwija tagħha għall-politika ta' insedjament tal-Iżrael u l-azzjonijiet li ttieħdu f'dan il-kuntest, bħat-twaqqiġ u l-konfiska, inkluż ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. L-UE hija mħassba ferm li ċ-ċiklu kontinwu ta' vjolenza wassal għal telf kbir ta' ħajja umana f'Iżrael kif ukoll fit-territorju Palestinjan. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi u l-vjolenza min-naħat kollha u fi kwalunkwe ċirkostanza, inkluż l-imwiet ta' tfal.

Fix-xhur li ġejjin, l-involviment fi ħdan il-Kwartett u partijiet ikkonċernati oħra fir-reġjun u lil hinn minnu ser ikun essenzjali biex jiġi żgurat qafas multilaterali aktar b'saħħtu. L-UE ser tkompli tfakkar liż-żewġ partijiet biex jieħdu bis-serjetà r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport reċenti tal-Kwartett. L-UE hija determinata li, flimkien ma' sħab internazzjonali u reġjonali oħra, tagħti kontribut konkret u sostanzjali għal ġabra globali ta' inċentivi biex il-partijiet jagħmlu paċi, bil-ħsieb ta' konferenza internazzjonali ppjanata li ssir qabel tmiem is-sena. L-UE tafferma mill-ġdid ukoll il-proposta tagħha għal pakkett bla preċedent ta' appoġġ politiku, ekonomiku u ta' sigurtà li għandu jiġi offrut liż-żewġ partijiet u żviluppat magħhom, fil-kuntest ta' ftehim ta' status finali.

Golf/Levante

L-UE qed tfittex kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-**Istati tal-Golf** fl-indirizzar tal-isfidi fir-reġjun (b'mod partikolari fil-Jemen, is-Sirja/l-Iraq, il-Qarn tal-Afrika) kif ukoll fl-iżvilupp ta' qafas aktar strutturat għall-involviment tagħha f'firxa ta' sfidi komuni, fosthom is-sigurtà, il-għieda kontra t-terroriżmu, il-għieda kontra r-radikalizzazzjoni, il-migrazzjoni. Djalogu regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun ukoll ser jibqa' fuq l-aġenda konġunta. Għal dan l-għan, l-UE ser tkompli tiżviluppa r-relazzjoni importanti tagħha mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC).

L-UE ser tkompli timplimenta l-Istrateġija tagħha dwar is-Sirja, l-Iraq u t-theddida ta' Daesh, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-23 ta' Mejju 2016. Is-**Sirja** ser tibqa' prijorità ewlenija għall-UE li hija impenjata b'mod sħiħ fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni (UNSCR) 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, partikolarment b'rabta mal-aċċess umanitarju, il-waqfien tal-ostilitajiet li jwassal għal waqfien mill-ġlied u transizzjoni politika li timxi 'l quddiem. L-UE ser tappoġġa dawn l-isforzi u taqdi r-rwol tagħha fl-appoġġ tat-taħditiet intra-Sirjani u t-tnaqqis tat-tensjonijiet reġjonali.

Rigward l-**Iraq**, l-UE ser tipprovdi appoġġ imsaħħaħ lill-Gvern tal-Iraq fl-isforzi tiegħu biex iwettaq riformi kruċjali biex jinkisbu r-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-konsolidazzjoni ta' sistema demokratika bbażata fuq il-governanza inklużiva, u l-istat tad-dritt. L-UE ser tesplora mezzi ulterjuri li jgħinu lill-Gvern Federali tal-Iraq u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan biex jirkupraw is-saħħa ekonomika u finanzjarja. L-UE ser tiffoka wkoll fuq l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni taż-żoni liberati minn Daesh f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali.

It-tkomplija tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) dwar il-programm nukleari tal-**Iran** u l-UNSCR 2231 ser tibqa' prijorità. It-tiġdid tar-relazzjonijiet bilaterali fuq il-bażi tal-implimentazzjoni sħiħa tal-PAKK ser ikun kruċjali biex jitreggħa' lura waqfien ta' għaxar snin; l-istrateġija ta' involviment gradwali tagħna ser tinkludi kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, u tkopri kwistjonijiet reġjonali u d-drittijiet tal-bniedem. Iż-żjara tar-RGħ/VP f'Tehran fis-16 ta' April 2016 wittiet it-triq biex din il-ħidma intensiva timxi 'l quddiem.

Il-kriżi tal-migrazzjoni fl-Ewropa kompliet tenfasizza l-importanza ta' involviment akbar tal-UE fir-reġjun. Wara s-Summit tal-Belt Valletta dwar il-migrazzjoni f'Novembru 2015, qed jingħata appoġġ addizzjonali marbut mal-migrazzjoni lil pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, b'mod partikolari permezz tal-Fond Fiduċjarju għall-Afrika, u dak l-appoġġ jista' jkompli jiżdied. Barra minn hekk, l-għajnuna umanitarja konsiderevoli li diġà tingħata lill-pajjiżi fir-reġjun ser tkompli tiżdied fuq il-bażi tar-riżultati tal-Konferenza 'Supporting Syria and the region' (Appoġġ għas-Sirja u r-reġjun) li saret f'Londra fi Frar 2016, meta l-UE wiegħdet aktar minn EUR 2.4 biljun għall-2016-2017 biex jittaffew il-konsegwenzi tal-kriżi għall-ġirien tal-konflitt Sirjan, minbarra l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. B'kollox, l-għotja mwiegħda mill-UE kienet tikkostitwixxi aktar minn żewġ terzi tal-għajnuna internazzjonali. Din ser tinkludi l-finalizzazzjoni tal-patti tal-UE mal-Libanu u l-Ġordan li permezz tagħhom dawn il-pajjiżi ser ikollhom aċċess akbar għas-sett sħiħ ta' għodod tal-UE sabiex tingħata spinta lill-ekonomija tagħhom filwaqt li jiġi żgurat il-ħarsien kif ukoll l-aċċess għas-servizzi soċjali u x-xogħol għar-refuġjati. Barra minn hekk huma attivi żewġ Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq li jappoġġaw pajjiżi sħab fil-ġestjoni tal-flussi tar-refuġjati.

Il-kwistjonijiet ta' sigurtà ser jibqgħu fuq quddiem tal-aġendi politiċi, filwaqt li jiddeterminaw il-ħidma u l-prijoritajiet ta' gvernijiet reġjonali f'bosta pajjiżi, sikwit bi ħsara għall-governanza demokratika, għalkemm il-kondizzjonijiet soċjali u politiċi li wasslu għar-rebbiegħa Għarbija ħames snin ilu għadhom ma ġewx indirizzati kif xieraq. Il-pluraliżmu politiku għadu taħt pressjoni u saħansitra naqas f'xi pajjiżi. In-nuqqasijiet edukattivi għadhom għoljin u ggravaw minħabba l-kriżi tar-refuġjati. It-tkabbir ekonomiku ntlaqat b'mod qawwi mill-kollass tal-prezz taż-żejt.

Is-sena 2016 ser tkun waħda kruċjali għar-reġjun, b'elementi varjabbli ġodda importanti involuti f'relazzjonijiet li diġà huma diffiċli u ppolarizzati fost għadd ta' pajjiżi. Ser ikun meħtieġ li l-impatt ta' kontinwazzjoni possibbli tax-xejra reċenti ta' prezzijiet taż-żejt dejjem jonqsu, il-firda settarja dejjem tikber u d-dinamika l-ġdida li tista' tirriżulta mit-tneħħija tas-sanzjonijiet internazzjonali fuq l-Iran jiġi evalwat bir-reqqa.

KONTINENT AMERIKAN

Is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u **l-Istati Uniti** għadha essenzjali għall-isfidi ta' politika dinjija u barranija, bħall-konflitt fl-Ukrajna, il-ġlieda kontra Daesh u l-isforzi biex tinkiseb il-paċi fis-Sirja u l-Libja, l-indirizzar tal-isfida tal-migrazzjoni, u l-implimentazzjoni tal-PAKK mal-Iran. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tlesti Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) ta' standard għoli li tkun ambizzjuża, komprensiva u bbilanċjata mal-Istati Uniti. Il-kooperazzjoni fl-enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u t-Tarka tal-Privatezza UE-Stati Uniti jistħoqqilhom attenzjoni speċjali. Reċiproċità sħiħa fl-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini kollha tal-UE li jivvjaġġaw lejn l-Istati Uniti tibqa' prijorità importanti. Fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża l-UE u l-Istati Uniti għandhom jiffinalizzaw mill-aktar fis possibbli n-negozjati fuq il-Ftehim dwar l-Akkwist u Servizzi Reċiproċi. Fil-qasam tas-sigurtà fl-ispazju, din is-sena l-Kunsill ser jibda n-negozjati fuq l-aċċess tal-Istati Uniti għas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) ta' Galileo.

Il-Gvern il-ġdid fil-**Kanada** wera r-rieda tiegħu li jkompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE, li diġà hi tajba ħafna. Tabilħaqq hemm opportunità li jsir dan, partikolarment billi jiġu ffirmati u implimentati l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika (SPA) u l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA). L-għan ta' reċiproċità sħiħa fl-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini kollha tal-UE li jivvjaġġaw lejn il-Kanada ser tibqa' prijorità importanti għall-2016. L-UE ser tfittex ukoll l-impenn tal-Kanada għal kooperazzjoni fil-PSDK. Kien hemm żjara uffiċjali tar-RGħ/VP f'Ġunju u s-summit li jmiss bejn l-UE u l-Kanada huwa previst għas-27 ta' Ottubru 2016.

Fl-2016, l-UE ser tkompli taħdem għat-titjib tal-Ftehim Globali mal-**Messiku** sabiex taġġorna l-pilastru kummerċjali tal-Ftehim u ssaħħaħ il-qafas tad-djalogu bilaterali tagħna dwar kwistjonijiet dinjin (partikolarment dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija, is-sigurtà tal-ikel, l-ekonomija dinjija u s-sigurtà). In-negozjati formali dwar l-aġġornament tal-Ftehim bdew f'Ġunju 2016. Fl-**Amerika Ċentrali**, l-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fil-**Gwatemala**. L-elezzjoni tal-Gvern il-ġdid fl-2015 ġiet osservata mill-UE. Fil-**Honduras**, l-UE bagħtet missjoni ta' segwitu tal-elezzjoni biex tivvaluta l-progress li sar fir-riformi elettorali fil-governanza. Fiż-żewġ pajjiżi, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu implimentati r-riformi u jittejjeb l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. F'dak li jirrigwarda **n-Nikaragwa**, is-sitwazzjoni politika u b'mod partikolari l-proċess elettorali li ġej ser jiġu segwiti; ir-relazzjonijiet tal-**Costa Rica** mas-Sistema tal-Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali (SICA) u l-evoluzzjoni tal-kriżi migratorja Kubana huma ta' interess għall-UE. Ir-reazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati għall-Istrateġija Esterna tal-UE għal Tassazzjoni Effettiva li tnediet dan l-aħħar ser jingħataw l-attenzjoni tal-UE.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-istrateġiji reġjonali għat-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Amerika Ċentrali u l-Karibew. Fil-**Karibew**, l-UE u **Kuba** nedew mill-ġdid id-djalogu politiku formali tagħhom, intlaħaq qbil dwar il-bidu ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-UE u Kuba lestew in-negozjati dwar Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni u qed iħejju biex jiffirmawh. Il-**Haiti** ser jeħtieġ monitoraġġ kontinwu mill-qrib tal-Gvern interim waqt proċess elettorali kkumplikat. Fir-**Repubblika Dominicana** r-regolarizzazzjoni ta' persuni ta' orijini Haitjana ser tiġi segwita mill-qrib. Fl-aħħar nett, l-UE tappoġġa l-missjoni tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) li qed twettaq medjazzjoni fit-tilwima fuq il-fruntiera bejn il-**Belize** u l-**Gwatemala**, filwaqt li tħeġġeġ inizzjattivi politiċi miż-żewġ naħat. B'rabta mal-**approċċ għar-reġjun tal-Karibew**, fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u l-CARIFORUM, il-kwistjonijiet ewlenin fl-2016 jinkludu fost oħrajn it-tisħiħ tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-CARIFORUM u ż-żieda fl-isforzi biex tiġi implimentata s-Sħubija Strateġika Konġunta bejn l-UE u l-Karibew.

B'rabta mal-**Amerika t'Isfel**, l-UE ser tagħti nifs ġdid lin-negozjati mal-**MERCOSUR** għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni; iżżomm is-Sħubija Strateġika mal-**Brażil** u twettaq inizjattivi biex issaħħaħ is-sħubija u l-kooperazzjoni mal-**Arġentina**. L-UE ser tibqa' attenta għas-sitwazzjoni instabbli fil-**Venezwela**. Il-proċess ta' paċi fil-**Kolombja** ser ikompli jkun punt ta' attenzjoni speċjali. L-appoġġ għall-proċess ta' paċi fil-**Kolombja** ser jibqa' punt ta' attenzjoni speċjali permezz tal-mibgħut speċjali tar-RGħ/VP Eamon Gilmore u l-perspettiva ta' Fond Fiduċjarju tal-UE. Dwar **l-Ekwador** l-UE ser tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu tal-Ftehim Kummerċjali, li l-UE tistenna li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017. Fiċ-**Ċili** l-UE ser tkompli l-kollaborazzjoni tagħha fil-qafas tal-immaniġġar ta' kriżijiet tal-UE ("Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni"). L-UE ttenni l-impenn tagħha li tkompli l-ħidma għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni modernizzat u ambizzjuż. In-negozjati dwar il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili jistgħu jibdew fil-futur qarib. Ir-relazzjonijiet mal-**Paragwaj** u l-**Urugwaj** ser jiffukaw fuq l-integrazzjoni ekonomika u l-governanza. B'rabta mal-**Perù**, il-Ftehim dwar l-Eżenzjoni mill-Viża u l-missjoni ta' osservazzjoni elettorali (MOE) ser ikollu jsir segwitu għalihom. F'dak li jirrigwarda **l-Bolivja**, ser ikunu importanti aktar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-produzzjoni illegali tad-droga u fil-politika tal-gvern biex jirriforma s-settur tal-ġustizzja.

L-UE ser tkompli wkoll timpenja ruħha mal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC). Il-laqgħa Ministerjali UE - CELAC ta' Ottubru 2016 għandha twitti t-triq għat-tnejn tas-Summit UE-CELAC fl-2017. Dawn huma interlokuturi reġjonali importanti li magħhom l-UE tikkoopera f'oqsma ewlenin bħad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli. Huma jagħtu wkoll dimensjoni kontinentali lill-inizjattivi ta' politika tal-UE. L-UE tilqa' wkoll il-kisbiet tal-Alleanza tal-Paċifiku u hi impenjata li tappfondixxi d-djalogu mal-membri tagħha.

AFRIKA SUB-SAHARJANA

L-2016 hija sena importanti għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika. Il-kontinent kellu tkabbir u prosperità li qed jiżdiedu f'xi partijiet. Fl-istess ħin għad hemm sfidi politiċi, sikwit aggravati minn fatturi oħrajn, partikolarment mill-aspett ekonomiku, demografiku u dak ta' sigurtà. L-aktar punti ta' tħassib għandhom żewġ elementi: (i) il-vulnerabbiltà ta' bosta pajjiżi għal theddid ta' sigurtà mir-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, mis-Saħel, għall-Baċir tal-Lag Chad u għall-Qarn; (ii) progress wieqaf fil-governanza, li jidher l-aktar fl-evoluzzjoni batuta tad-demokrazija rappreżentattiva iżda wkoll fl-oqsma tas-sigurtà u l-ekonomija. Il-faqar estrem u n-nuqqas ta' sigurtà alimentari jibqgħu sfida għal partijiet tal-Afrika sub-Saħarjana.

Inevitabbilment, ser ikollu jsir ħafna xogħol biex nibnu r-rwol attiv tagħna fl-isforzi għar-risoluzzjoni ta' kriżijiet u konflitti. Fil-Qarn, **is-Somalja** qed tiffaċċa test kruċjali fil-forma ta' proċess elettorali sal-aħħar tas-sena, sabiex tinholq sistema federali sostenibbli. Fis-**Sudan**, l-UE għandha tappoġġa l-isforzi għal soluzzjoni politika olistika u inklużiva. Il-Gvern Tranżizzjonali ta' Għaqda Nazzjonali tas-Sudan t'Isfel qed iħabbat wiċċu ma' sfidi politiċi, ekonomiċi u umanitarji enormi wara l-gwerra ċivili, b'riskji qawwjin li terġa' tqum il-vjolenza; ser ikun essenzjali impenn sostnut mill-UE biex tappoġġa l-implimentazzjoni komprensiva tal-ftehim ta' paċi tal-2015 u ċ-ċaqliq iġġenerat mill-konflitt.

Is-Saħel ser jibqa' fraġli. Fil-**Mali**, l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi ffirmat f'Ġunju 2015 għadha miexja bil-mod, bil-konsegwenza li s-sitwazzjoni tas-sigurtà sejra għall-agħar, u dan jolqot lit-Tramuntana u ċ-Ċentru tal-Mali. Għaldaqstant, il-Mali għadu sors ta' tħassib fir-reġjun. Jeħtieġ li l-partijiet Maljani jimpenjaw ruħhom aktar għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi. Għad hemm ukoll tħassib marbut mal-Libja. Il-kooperazzjoni reġjonali aktar b'saħħitha (G5) tintlaqa' u tiġi appoġġata mill-UE permezz tal-istrumenti finanzjarji tagħna u d-djalogu politiku: ir-RGħ torganizza laqgħa ministerjali mal-pajjiżi tas-Saħel membri tal-G5 fis-17 ta' Ġunju 2016. Ir-rispons komprensiv għall-**kriżi tal-Lag Chad**, inkluż il-ġlieda kontra Boko Haram, għandu jkun aktar effettiv u għandhom jissoktaw l-isforzi għal azzjoni reġjonali kkoordinata.

Fl-Afrika Ċentrali, wara l-elezzjonijiet presidenzjali reċenti, il-gvern il-ġdid tar-**Repubblika Ċentru-Afrikana** (RCA) jista' jibda jibni mill-ġdid il-pajjiż u l-istituzzjonijiet tiegħu minkejja li s-sitwazzjoni globali għadha fraġli. Fil-**Burundi**, il-kriżi qiegħda tittestja l-impenn internazzjonali tar-“responsabbiltà tal-protezzjoni” billi għad hemm riskju ta' atroċitajiet tal-massa u qerda reġjonali jekk ma tkunx tista' tiġi offruta soluzzjoni politika. Is-sitwazzjoni fir-**Repubblika Demokratika tal-Kongo** hija kritika; il-partijiet kollha jridu jimpenjaw ruħhom fi proċess inklużiv biex jiżguraw il-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali u jwittu t-triq għal elezzjonijiet paċifiċi, kredibbli, inklużivi, trasparenti u f'waqthom. L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-**Gabon** għandha tkompli tiġi skrutinizzata aktar mill-UE.

F'dan il-kuntest, **is-sigurtà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-reżiljenza** ser isiru saħansitra aktar importanti fl-Afrika Sub-Saħarjana. Fi Frar 2016, l-UA ospitat Konferenza tad-Donaturi biex jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali għat-Task Force Konġunta Multinazzjonali (MNJTF) biex jiġi miġġieled Boko Haram. Sforzi mġedda għall-ġlieda kontra l-estremiżmu ser ikomplu jiġu indirizzati. L-UE teħtieġ ittejjeb l-istrateġiji kontra r-radikalizzazzjoni u r-risponsi potenzjali ta' politika tal-UE. Dan jinkludi ż-żieda fil-PSDK u l-mezzi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħna. Iżda s-sejħa għal Stati “aktar b'saħħithom” jeħtieġ li tkun inkorporata f'approċċ ta' governanza politika globali adatt, li jinkludi rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

Il-kriżi tal-migrazzjoni introduċiet dimensjoni ġdida u atturi ġodda fir-relazzjonijiet tagħna mal-Afrika. Ir-ritorn ta' eluf ta' migranti irregolari huwa ta' sfida għall-UE. L-UE ser tiffoka fuq l-indirizzar tal-għerq tal-migrazzjoni sabiex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari mill-Afrika lejn l-Ewropa. L-UE tista' tagħmel differenza fl-implimentazzjoni tal-aġenda stabbilita fis-Summit tal-Belt Valletta u tinkorpora l-migrazzjoni, inkluż ir-riammissjoni, fir-relazzjonijiet politiċi globali billi tuża bl-aħjar mod il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza bħala għodda addizzjonali. Id-djalogi ta' livell għoli tal-pajjiżi, il-patti tal-migrazzjoni, il-proċessi ta' Rabat u Khartoum u s-segwitu tal-konferenza tal-Belt Valletta kollha jeħtieġu ħidma qawwija u integrata. Dan kollu ser jingħata spinta addizzjonali permezz tal-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid dwar is-sħubija li jibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar “it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni”, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016.

L-Etjopja, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja u s-Senegal qed jiġu identifikati bħala pajjiżi ta' prijorità għall-approċċ il-ġdid ippreżentat mill-UE³.

Proċessi elettorali sodi u kredibbli u r-rispett għal-limiti ta' żmien kostituzzjonali fl-Afrika reġġu huma problema, b'mod partikolari f'għadd ta' pajjiżi fl-Afrika Ċentrali fejn ser isiru elezzjonijiet fl-2016. Għaldaqstant, l-2016 ser tkun punt ta' bidla kruċjali għall-kredibbiltà tal-impenn tal-Afrika lejn bidla demokratika. L-UE ser tkun preżenti permezz tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) u l-Missjonijiet ta' Esperti Elettorali (MEE) tagħha. Proċessi kontenzjużi ħolqu aktar tensjoni fid-djalogi politiċi tagħna u ser ikollna nirrispondu b'mod konsistenti mal-prinċipji fundamentali kif ukoll nirrispondu skont il-kuntest ta' kull pajjiż. L-isforzi tagħna aktarx li jkunu effettivi bħala parti minn sforz usa' Afrikan u internazzjonali. Dan ser ikun ta' prijorità minħabba r-riskju ta' vjolenza marbuta mal-elezzjonijiet.

Il-ħidma mal-**Unjoni Afrikana** (AU) tkompli, u l-aħħar laqgħa bejn Kulleġġ u ieħor mal-Kummissjoni attwali tal-UA saret f'Addis Ababa f'April 2016. Għandha timxi 'l quddiem il-ħidma fit-tħejjija tas-Summit Afrika-UE fl-2017.

L-UE ser tkompli tibni fuq il-laqgħa Ministerjali tal-G5 Saħel li saret f'Ġunju; id-Djalogu Ministerjali man-Niġerja fi Brussell f'Marzu; it-Tieni Summit dwar is-Sigurtà Reġjonali f'Abuja f'Mejju u d-djalogu Ministerjali mal-Angola ppjanat għat-tieni nofs tas-sena fi Brussell.

L-UE ser tkompli r-riflessjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet UE-AKP wara l-2020, filwaqt li tesplora firxa ta' alternattivi dwar l-għamla futura tal-Ftehim ta' wara Cotonou.

³ Ara l-komunikazzjoni Sħubija Ġdida dwar il-Migrazzjoni

ASJA-PAĊIFIKU

L-impenn tal-UE mal-Asja u l-Paċifiku ser ikompli jikber hekk kif ir-reġjun ser jospita erbgħa mis-sħab strateġiċi tal-UE (iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea), ikompli jikseb rati tat-tkabbir b'saħħithom, minkejja t-tnaqqis reċenti u jaffaċċa sfidi importanti għas-sigurtà u l-istabbiltà li għandhom implikazzjonijiet diretti u indiretti għall-UE. L-UE ser tkompli tkun investitur u donatur ewlieni tal-assistenza finanzjarja għall-iżvilupp, ser ikompli jkollha, bl-istess importanza, rwol ewlieni fl-iżvilupp billi żżid ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha mar-reġjun u billi taħdem biex tappoġġa l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun.

L-UE miexja 'l quddiem fin-negozjati tagħha ta' **ftehimiet politiċi, tas-sigurtà u kummerċjali** ma' pajjiżi fir-reġjun kollu, li għandhom l-għan li jappoġġaw l-għanijiet tagħna ta' żvilupp sostenibbli, kooperazzjoni aktar wiesgħa u aċċess akbar għas-suq fir-reġjun. Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Korea t'Isfel ser jitmexxa 'l quddiem. Ġew inizjalati għadd ta' ftehimiet u l-proċess lejn l-iffirmar u l-implimentazzjoni ser jkompli: in-negozjati għal Ftehim Qafas mal-Awstralja u New Zealand; in-negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Vjetnam; in-negozjati għal Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp mal-Afganistan. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li taħdem għat-tlestija tan-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FKĦ) mal-Ġappun.

Wara l-konklużjoni tan-negozjati bilaterali tal-FKĦ ma' Singapore u l-Vjetnam, l-UE bdiet taħdem fuq il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles bilaterali mal-Filippini u l-Indoneżja, bil-għan tal-mira aħħarija ta' FKĦ bejn reġjun u ieħor mal-ASEAN. Bħalissa qed isir rendikont mal-Malasja biex jiġu vvalutati l-prospetti li jinbdew mill-ġdid in-negozjati dwar FKĦ u bdew it-tnejniet għal FKĦ mal-Awstralja.

F'Mejju 2016, il-mexxejja tal-UE u tal-**Ġappun** irrevedew il-progress fin-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija Strateġika u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, filwaqt li qablu li jmxexxu n-negozjati 'l quddiem lejn il-ftehimiet ambizzjużi li jridu t-tnejn li huma. Il-mexxejja nnotaw ukoll li l-UE u l-Ġappun qed isaħħu s-sħubija ta' sigurtà tagħhom. Il-Ġappun diġà qed jipprovdi appoġġ konkret għall-missjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' mmaniġġar ta' kriżijiet fl-Afrika, u ż-żewġ naħat wettqu għadd ta' eżerċizzji konġunti kontra l-piraterija fil-Punent tal-Oċean Indjan. Il-mexxejja tal-UE esprimew it-tama li żviluppi futuri ser jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Ġappun f'missjonijiet tal-UE ta' mmaniġġar ta' kriżijiet.

Fis-Summit UE-**Repubblika tal-Korea** tal-2015, il-mexxejja qablu li jkomplu jinvestu f'dawn ir-relazzjonijiet komprensivi, ta' benefiċċju reċiproku u orjentati lejn il-futur. B'mod partikolari, il-mexxejja ħarsu 'l quddiem lejn it-tlestija tar-ratiffika tal-Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni li jistabbilixxi qafas għal operazzjonijiet konġunti ta' mmaniġġar tal-kriżijiet. F'dan ir-rigward, l-UE laqgħet l-intenzjoni tar-Repubblika tal-Korea li tingħaqad mal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-piraterija fil-Golf ta' Aden tas-Somalja fl-operazzjoni EU Atalanta bil-fehim li r-Repubblika tal-Korea ser teħtieġ il-kunsens tal-Assemblea Nazzjonali għal dan l-għan.

F'Ġunju, ġiet ippreżentata Komunikazzjoni Konġunta dwar iċ-**Ċina** mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni. Din il-Komunikazzjoni Konġunta u l-konklużjonijiet tal-Kunsill minn Lulju 2016 jipprovdu l-qafas politiku għall-involvement tal-UE maċ-Ċina matul is-snin li ġejjin, peress li jidentifikaw l-opportunitajiet għal kooperazzjoni bilaterali, inkluż dwar sfidi globali u reġjonali. L-involvement tal-UE maċ-Ċina ser ikun ibbażat fuq il-prinċipji, prattiku u prammaturu, filwaqt li jħares l-interessi u l-valuri tagħha, b'mod partikolari l-osservanza ta' regoli u standards internazzjonali, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jiffoka fuq tliet oqsma ewlenin ta' prijetà: prosperità u riforma; politika barranija u ta' sigurtà; governanza globali. Huwa jikkonsolida approċċ ambizzjuż għal wieħed mis-sħab strateġiċi l-aktar importanti tagħna u jidentifika aġenda pożittiva ta' sħubija mal-immaniġġar kostruttiv tad-differenzi. Is-Summit UE-Ċina f'Beijing f'Lulju ta l-opportunità li jsiru diskussjonijiet strateġiċi rigward kwistjonijiet ta' interess komuni.

Is-Summit bilaterali mal-**Indja** f'Marzu nieda mill-ġdid ir-relazzjoni u ta dinamiżmu ġdid lis-Sħubija strateġika billi identifika prijoritajiet għas-snin li ġejjin u interessi komuni f'aġendi ġodda għall-impjiegi u t-tkabbir, fost l-oħrajn, il-kummerċ, l-investment, it-teknoloġija/l-enerġija nadifa, l-ilma, ir-riċerka u l-edukazzjoni.

L-UE ser iżżid l-impenn tagħha mal-**Afganistan, il-Bangladesh u l-Pakistan**. Bħala pajjiżi ewlenin ta' orijini u ta' transitu għall-migrazzjoni, l-UE ser tibqa' impenjata għal kooperazzjoni msaħħa u aktar effettiva ma' dawn il-pajjiżi, filwaqt li tiffoka fuq l-indirizzar tal-għeruw tal-migrazzjoni u r-riammissjoni u r-ritorni.

Bħala attur globali fil-qasam tas-sigurtà u faċilitatur tal-paċi, l-UE għandha impenn fit-tul lejn l-**Afganistan** u l-poplu Afgan. L-impenn li tappoġġa l-proċess ta' paċi Afgan ser jissaħħa permezz tal-Konferenza ta' Brussell dwar l-Afganistan li saret f'Ottubru, li toffri l-opportunità għall-UE biex tkun minn ta' quddiem bir-rwol diplomatiku, finanzjarju u tekniku tagħha fit-trasformazzjoni tal-Afganistan. Fit-2 ta' Ottubru, intlaħaq qbil dwar "Triq Konġunta 'l Quddiem" (JWF) dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni bejn l-Afganistan u l-UE. Din ser tiżgura qafas komprensiv għal kooperazzjoni fir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, li jibbenefika liż-żewġ partijiet - l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Afganistan. L-impenn mal-**Pakistan**, ser jiffoka, fost oħrajn, fuq qafas li japprofondixxi r-relazzjonijiet lil hinn mill-Pjan ta' Impenn għal Ħames Snin UE-Pakistan, li ser jiskadi f'Ġunju 2017. L-UE tistenna l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-ftehim ta' riammissjoni.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-**proċess ta' paċi tal-Myanmar/Burma** fil-klima ta' wara l-elezzjonijiet, billi tibbenefika mill-fiduċja li diġà ġiet stabbilita mal-gvern u l-gruppi etniċi u bħala donatur ewlieni fit-transizzjoni lejn id-demokrazija. Wara Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, il-Kunsill laqa' l-istabbiliment ta' viżjoni għal impenn tal-UE ambizzjuż u li jħares 'il quddiem mal-Myanmar/Burma.

Wara t-terremoti distruttivi fin-**Nepal** f'April u Mejju 2015, l-UE ser tibqa' impenjata b'mod attiv fl-isforz ta' rikostruzzjoni b'kuntratt ta' EUR 105 miljun biex jinbena l-istat. B'mod parallel, l-UE tkompli tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-proċess ta' paċi u t-transizzjoni demokratika tal-pajjiż.

Ser isir investment partikolari fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet fil-livell strateġiku mal-**Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)**. Għal dan il-għan, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-relazzjonijiet mal-ASEAN, approvata mill-Kunsill fit-22 ta' Ġunju 2015, tistabbilixxi l-programmi u l-politiki, inkluż il-programmi ta' kooperazzjoni estenzi u l-ħatra ta' Ambaxxatur tal-UE għall-ASEAN, biex iwassal din ir-relazzjoni ma' dan is-sieħeb strateġiku ewlieni għal livell oġġla. Il-Laqqha Ministerjali UE-ASEAN ta' Ottubru 2016 approvat il-linji gwida għal Pjan ta' Azzjoni futur u pjan direzzjonali biex jiżdied il-livell tas-sħubija strateġika.

Il-11-il **Laqqha tas-Summit Asja-Ewropa (ASEM)** sar fil-Mongolja f'Lulju 2016. Filwaqt li ċelebra l-20 sena tal-ASEM, is-Summit kien opportunità importanti biex jiżdied l-interess tal-UE fil-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar profonda mal-Asja dwar kwistjonijiet ta' interess komuni.

Ir-reġjun ikompli jiffaċċa għadd ta' **sfidi**. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi soluzzjonijiet paċifiċi u mekkaniżmi ta' soluzzjonijiet ta' tilwim ibbażati fuq id-dritt internazzjonali fir-rigward tat-tilwim territorjali u marittimu fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina. Jista' jkun hemm tensjonijiet għoljin minħabba raġunijiet varji, inkluż il-ħames test nukleari tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u żviluppi relatati, theddid ta' azzjoni militari kif ukoll tilwim persistenti fuq kwistjonijiet territorjali u storiċi. L-UE tfittex li timpenja ruħha minn kmieni mal-pajjiżi kkonċernati, b'mod partikolari billi żżomm kuntatti mill-qrib u regolari magħhom, bil-għan li tikkontribwixxi biex jittaffew it-tensjonijiet fir-reġjun.

Ser ikompli l-isforzi biex jissaħħu l-profil u l-preżenza tal-UE fil-**Paċifiku**. Il-kuntatti mal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku ser jissaħħa u ser tkompli l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' tħassib bhattnaqqs tar-riskju ta' diżastri, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-enerġiji rinnovabbli u l-immaniġġar tas-sajd.

IL-PSDK U L-IMMANIĠĠAR TA' KRIŻIJET

MISSJONIJIET U OPERAZZJONIJIET

Il-PSDK kompla jipprovdi impatt strateġiku prezzjuż fil-kuntest usa' tal-approċċ komprensiv tal-UE fl-Ewropa. Fil-Balkani tal-Punent, l-operazzjoni militari EUFOR ALTHEA fil-Bożnija-Herzegovina (BiH), immedija fl-2004, tkompli tappoġġa l-isforzi tal-BiH biex jinżamm Ambjent Sigur u Bla Periklu (SASE) u twestaq tisħiħ tal-kapaċitajiet u tahrigh tal-Forzi Armati tal-BiH sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiltà. EULEX Kosovo, immedija fl-2008, tiffoka fuq assistenza u appoġġ lill-awtoritajiet tal-Kosovo b'rabta mal-istat tad-dritt, il-monitoraġġ, il-mentoring u l-konsulenza lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-oqsma tal-pulizija, il-ġudikatura u d-dwana, filwaqt li jinżammu responsabbiltajiet eżekuttivi f'oqsma speċifiċi ta' kompetenza. Fil-Viċinat tal-Lvant, il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM), immedija wkoll fl-2008, tipprovdi monitoraġġ ċivili tal-azzjonijiet tal-partiti u analiżi sitwazzjonali tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni, billi tibbaża fuq konformità sħiħa mal-Ftehim ta' Sitt Punti u l-miżuri sussegwenti ta' implimentazzjoni fil-Georgia, inkluż l-Ossezja tan-Nofsinhar u l-Abkażja. Il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea (EUAM) fl-Ukrajna hija missjoni mhux eżekuttiva li bdiet l-operazzjonijiet tagħha fl-2014, u għandha l-għan tassisti lill-awtoritajiet Ukreni biex jiżviluppaw riforma sostenibbli tas-settur tas-sigurtà ċivili permezz ta' pariri strateġiċi u appoġġ prattiku. Il-miżuri u l-attivitajiet kollha bħal dawn huma bbażati fuq l-istandards tal-UE u l-prinċipji internazzjonali ta' governanza tajba u drittijiet tal-bniedem. Wara reviżjoni strateġika, l-attivitajiet tal-missjoni ssaħħu biex jiżdied l-impatt.

Fil-Magreb u l-Mediterran, żdiedu l-isforzi biex jiġi sfruttat l-effett tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) b'mandat imsaħħaħ, li jmur lil hinn mit-tfixkil tal-mudell kummerċjali tan-netwerks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u ta' traffikar ta' bnedmin fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali, inkluż kompiti li issa huma ta' appoġġ: - it-tahrigh tal-Gwardji tal-Kosta u l-Forza Navali Libjani; - kontribut għall-infurzar tal-embargo fuq l-armi fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja (abbażi tar-Riżoluzzjoni 2292 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU). Barra minn hekk, għaddej sew l-ippjanar operattiv għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) għal aktar appoġġ u assistenza lill-istituzzjonijiet Libjani biex dawn jergħu jistabbilixxu ruħhom fi Tripoli, malli l-kondizzjonijiet politiċi u ta' sigurtà jippermettu dan.

Fil-Lvant Nofsani, il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) tkompli tassisti lill-Awtorità Palestinjana fil-bini tal-istituzzjonijiet ta' Stat futur tal-Palestina fl-oqsma tal-pulizija u l-ġustizzja kriminali u nġhatat estensjoni għall-mandat attwali tagħha għal sena oħra minn Lulju 2016, kif sar ukoll għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM RAFAH), li bħalissa tinsab f'Tel Aviv, b'kapaċità sekondarja operazzjonali biex tiġi pprovduta preżenza minn parti terza fil-Punt ta' Qsim ta' Rafah bħala parti mill-Ftehim tal-2015 dwar il-Moviment u l-Aċċess (il-Ftehim AMA). Il-Missjoni tiffurma parti mill-miżuri tal-bini ta' fiduċja bejn il-Gvern tal-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana.

Fl-Afrika, qed isir progress fl-isforzi biex jinġabar l-impatt tad-diversi Missjonijiet u operazzjoni tal-PSDK li attwalment jinsabu *in situ*, bl-ippjanar tar-reġjonalizzazzjoni miexi 'l quddiem. L-operazzjonijiet u l-Missjonijiet tal-PSDK ikopru firxa wiesgħa ta' attivitajiet u kompetenzi; jeżistu operazzjonijiet militari fl-ibħra 'l barra mill-Qarn tal-Afrika (Operazzjoni ATALANTA) li tiġġieled kontra l-piraterija fuq skala kbira u fuq l-art bil-Missjoni ta' Taħriġ fis-Somalja (EUTM Somalia), ibbażata f'Mogadishu, li tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-Armata Nazzjonali Somala. Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (li dalwaqt ser tingħata isem ġdid u titnieda mill-ġdid bħala EUCAP Somalia f'Diċembru 2016) hija missjoni ċivili li tiffoka fuq il-kontribut għall-kapaċità ċivili marittima Somala tal-infurzar tal-liġi biex tiġi miġġielda l-piraterija u tiġi indirizzata l-ġabra 'normali' ta' funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, bħall-ispezzjoni/l-infurzar tas-sajd, it-tfittxija u s-salvataġġ u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu fuq l-art u l-baħar. Il-PSDK tidher fl-isforzi tal-UE biex il-migrazzjoni irregolari tiġi indirizzata fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu fis-Sahel. L-istabbiltà fir-reġjun tas-Sahel hija mtejba permezz tal-missjonijiet tal-PSDK fil-Mali u fin-Niġer (EUCAP Sahel Mali, EUTM Mali, EUCAP Sahel Niger) b'kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet ospitanti. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fir-reġjun, inkluż il-bini fuq sforzi taħt il-PSDK, pereżempju f'termini ta' taħriġ u bini ta' kapaċitajiet, timxi id f'id mat-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn il-missjonijiet tal-PSDK fis-Sahel u strumenti oħra tal-UE, kif ukoll tal-proġetti tal-Istati Membri fir-reġjun, partikolarment fil-kuntest tal-inizjattiva għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp (CBSD). Fl-Afrika Ċentrali, il-missjoni tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi pariri u assistenza għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RDC) intemmet f'Ġunju wara 'l fuq minn għaxar snin tipprovdi appoġġ prattiku għar-riforma tas-settur tas-sigurtà permezz ta' pariri u assistenza għall-awtoritajiet Kongoliżi rilevanti. Fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA), missjoni konsultattiva li tnediet fir-rebbiegħa tal-2015, ġiet sostitwita mill-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) fis-16 ta' Lulju 2016, li turi l-impenn b'saħħtu tal-UE biex treġġa' lura l-paċi u l-istabbiltà fil-pajjiż.

Fl-Afganistan, il-Missjoni ċivili EUPOL Afghanistan ser tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2016.

Madankollu, l-UE ser tibqa' impenjata li tappoġġa s-settur tas-sigurtà ċivili permezz ta' appoġġ finanzjarju (EUR 320 miljun fis-sena, prinċipalment lejn il-Fond Fiduċjarju għall-Ordni Pubbliku fl-Afganistan (LOFTA) sal-2020) u approvazzjoni politika u diplomatika.

THEDDID IBRIDU

Wara l-għoti tal-kompiti tal-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) f' Mejju 2015, il-Komunikazzjoni Konġunta "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu" ġiet adottata mill-Kummissjoni mir-RGħ fis-6 ta' April 2016. Il-Komunikazzjoni Konġunta toffri madwar 22 proposta għal azzjoni. Dawn jiffukaw fuq erbgħa oqsma ewlenin:

- (1) it-titjib tas-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni (Ċellola ta' Fużjoni tal-UE kontra t-Theddid Ibridu hija l-qalba ta' din l-inizjattiva);
- (2) il-bini ta' reżiljenza, inkluż il-ħarsien ta' infrastruttura kritika biex l-UE u sħabha jiġu protetti kontra l-attakki ibridi;
- (3) ir-rispons għall-kriżi u l-irkupru minnha;
- (4) iż-żieda tal-kooperazzjoni man-NATO.

Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni Konġunta. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti ser titmexxa' 'l quddiem b'mod konġunt, u bir-rispett dovut għall-proċeduri rispettivi u l-kompetenzi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, matul ix-xhur li ġejjin: (a) ġiet stabbilita Ċellola ta' Fużjoni tal-UE kontra t-Theddid Ibridu u diġà kisbet Kapasità Operattiva Inizjali; (b) Stat Membru lesta studju preliminari u qed jikkunsidra serjament li jistabbilixxi Ċentru ta' Eċċellenza Ewropew multinazzjonali biex jitwettqu riċerka, taħriġ u eżerċizzji; (c) f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-UE u n-NATO, u filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-inklużività u l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kull organizzazzjoni, is-Servizzi żiedu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni man-NATO f'oqsma ewlenin bħall-ġharfien tas-sitwazzjoni, iċ-ċibersigurtà, il-prevenzjoni u r-rispons għall-kriżijiet, kif ukoll il-Komunikazzjoni Strateġika; (d) is-SEAE u s-Servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw Protokoll Operazzjonali Konġunt tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu biex jiġu żgurati twissijiet adegwati għall-IPCR u l-Mekkaniżmi ta' Rispons għall-Kriżijiet tal-UE; (e) is-SEAE u s-Servizzi tal-Kummissjoni ser jipprovdu rapport sa Lulju 2017 biex jivvalutaw il-progress.

SĦUBIJI TAL-PSDK

Is-sħubija tal-UE ma' **pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali** fl-oqsma tas-sigurtà, id-difiża u l-immaniġġar tal-kriżijiet qed tiġi żviluppata b'mod konsistenti matul l-2016, b'appoġġ għar-rwol globali tal-UE li qed jinfirx bħala attur tas-sigurtà u d-difiża u l-attivitajiet operazzjonali tal-PSDK tagħha. Fir-rigward tal-**kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO**, wara l-Kunsill Ewropew ta' Ġunju u s-Summit tan-NATO ta' Varsavja ta' Lulju, inkluż id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-UE u tan-NATO, l-UE ser tkun qed tħares lejn modi kif turi **kooperazzjoni ġenerali kontinwa** kif ukoll kif twettaq ix-xewqa tal-Istati Membri tal-UE u n-nazzjonijiet tan-NATO biex ikun hemm aktar sħubija (fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet fil-post tal-operazzjonijiet, dawk ċibernetiċi u, marittimi) kif ukoll biex tħejji l-bażi għal aktar tisħiħ tas-sħubija tagħna, b'mod partikolari dwar theddid ibridu u appoġġ lil sħabna fil-Lvant u fin-Nofsinhar fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom, fl-ispirtu ta' attitudni għalkollox miftuħa u b'rispett sħiħ għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet, abbażi tal-prinċipji ta' inklużività u mingħajr preġudizzji għall-karattru speċifiku tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża ta' kwalunkwe Stat Membru.

L-UE ser ikollha l-għan li tkompli żżid il-kooperazzjoni man-**NU** fl-immaniġġar ta' kriżijiet u ż-żamma tal-paċi, inkluż billi tuża l-PSDK biex tikkomplementa ż-żamma tal-paċi tan-NU. Il-Kumitat ta' Tmexxija UE-NU ser isegwi punti ta' azzjoni konkreti, li jirrigwardaw b'mod partikolari l-kooperazzjoni fis-Saħel, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Qarn tal-Afrika u l-Libja.

Is-sħab minn **pajjiżi terzi** ser ikomplu jappoġġaw b'mod attiv **l-attivitajiet operazzjonali ta'appoġġ tal-PSDK**, b'mod parallel ma' **konsultazzjonijiet regolari dwar il-PSDK** u **taħriġ**. Minn Jannar 2016, 11-il pajjiż sieħeb immobilizzaw total ta' 350 membru tal-persunal u truppi fi tmien Missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, u ġew iffinalizzati għadd ta' **Ftehimiet Qafas ta' Parteċipazzjoni**.

Ir-reviżjoni tal-**PEV** (Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-reviżjoni tal-PEV, 18 ta' Novembru 2015, konklużjonijiet tal-Kunsill 14 ta' Diċembru 2015) enfasizzat l-importanza tal-aspetti ta' sigurtà tal-ħidma mas-sħab tal-UE. Bl-implimentazzjoni tad-dimensjoni tas-sigurtà tal-PEV il-mira tibqa' li jiġu appoġġati s-sħab, filwaqt li jiġi żgurat li dawn isiru aktar reżiljenti għal theddid għas-sigurtà u li jkunu mħejjija aħjar biex jipprevjenu u jirrispondu għal konflitti u kriżijiet u b'hekk jiġi stabbilizzat il-Viċinat tal-UE. Dan huwa konsistenti mal-approċċ deskritt fl-Istrateġija Globali tal-UE. Diversi linji ta' ħidma oħra tal-UE (CBSD, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u dwar is-sigurtà marittima) għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta ulterjuri lis-sħab tal-UE fir-rigward tal-PSDK, f'approċċ komprensiv flimkien ma' għodod u strumenti oħra.

Fir-rigward tad-**Drittijiet tal-Bniedem u l-Ġeneru fil-PSDK**, li huma l-prijorità tagħna, il-fokus ewlieni għadu fuq l-iżvilupp u t-twettiq ta' Studju ta' Referenza dwar l-Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ġeneru fil-PSDK (Konklużjonijiet tal-Kunsill, 18 ta' Mejju 2015). L-istudju huwa eżerċizzju ta' rendikont biex jiddetermina fejn ninsabu fl-isforzi tagħna sabiex nagħmlu d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi partijiet integrali tal-PSDK. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, ser jittieħdu aktar passi rigward l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta u d-dixxiplina għal persunal fuq missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

KAPAĊITAJIET TAD-DIFIŻA/KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAD-DIFIŻA

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 u Ġunju 2015, l-UE ser tkompli tinkoraġġixxi u tiffaċilita aktar kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża u tiżgura li l-Ewropa jkollha kapaċitajiet militari kruċjali għad-dispożizzjoni tagħha. Kif iddikjarat fl-Istrateġija Globali tal-UE, l-Ewropej iridu jkunu kapaċi jħarsu l-Ewropa, iwieġbu għal kriżijiet esterni, u jgħinu fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża ta' sħabna, filwaqt li jwettqu dawn il-kompiti f'kooperazzjoni ma' oħrajn.

L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE għandhom jikkonċentraw fuq faċilitaturi u nuqqasijiet kritiċi, b'enfasi akbar tingħata lill-proġetti kollaborattivi, li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Il-ħidma ser tkompli rigward il-konsolidazzjoni tal-erba' programmi Ewropej ewlenin approvati mill-Kunsill Ewropew fl-2013 (riforniment ta' fjuwil fl-ajru; sistema ta' inġenju tal-ajru ppilotat mill-bogħod; Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita; u ċ-ċibernetika), u rigward proġetti potenzjali ġodda. Fl-interess tal-faċilità tal-użu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet jikkonċentra fuq l-eżitu attwali, jiġifieri fuq il-kapaċitajiet li l-Istati Membri huma lesti li jiksibu fid-dawl tal-iskjeramenti potenzjali.

B'mod parallel, ser ikompli l-isforzi biex titrawwem kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża aktar fit-tul u aktar sistematika. Huwa mistenni aktar progress, prinċipalment permezz tal-ħidma mwettqa mill-EDA (inkluż fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika dedikat bil-ħsieb ta' rapport dwar l-implimentazzjoni sħiħa fl-2017 u dwar it-titjib tal-proċess ta' żvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE) u l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP). Dawn l-inizjattivi ser jgħinu lill-UE twieġeb għall-isfidi varji identifikati fl-Istrateġija Globali tal-UE u tissodisfa l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet korrispondenti tal-kapaċitajiet tad-difiża.

B'mod partikolari, l-EDAP, li għandu jiġi adottat fl-2016, għandu jgħin biex jiġu stimulati r-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża sabiex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika Ewropea tad-difiża u jitħejjew il-kapaċitajiet tal-futur. F'dak ir-rigward, l-azzjoni preparatorja dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża, li twitti t-triq għal programm possibbli dedikat iffinanzjat mill-UE, ser tkun element ewlieni ta' dan l-isforz; oqsma oħra previsti jinkludu b'mod partikolari l-politika industrijali/is-suq intern, is-sigurtà tal-provvista, u inċentivi.

Fl-aħħar nett, ser isir progress fil-ħidma man-NATO, bil-għan li tinżamm il-koerenza tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari fejn il-ħtiġijiet huma l-istess u tissaħħaħ il-komplementarjetà f'dan il-qasam. Hija meħtieġa interazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NATO fir-rigward ta' proġetti kollaborattivi kif ukoll ta' proċessi ta' ħidma.

SIGURTÀ INTERNAZZJONALI

L-UE ser tkompli tiżviluppa d-dimensjoni esterna tal-politika Ewropea tas-sigurtà u żżid mal-koerenza politika bejn is-sigurtà interna u esterna tal-Unjoni. Għadd ta' dokumenti strateġiċi li għandhom implikazzjonijiet marbuta mal-politika ta' sigurtà, bħall-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Elementi għal qafas strateġiku wiesa' tal-UE biex jappoġġa r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR)" u dwar "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu", ġew adottati u ser jiġu implimentati biex isaħħu l-komplementarjetà u l-effettività tal-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-UE. Għal dan il-għan, l-UE ser tieħu wkoll passi ulterjuri biex iżżid il-kollaborazzjoni mal-pajjiżi msieħba dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp. L-adozzjoni tal-Komunikazzjonijiet dwar l-EDAP u l-"Istrateġija tal-Ispazju" hija mistennija sal-aħħar tal-2016. L-implimentazzjoni tal-analiżi tal-PEV u t-tħejjijiet għall-analiżi ta' nofs it-terminu tal-2017 tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) ser jipprovdu opportunitajiet biex jiġu integrati aktar il-politika tas-sigurtà u l-prijoritajiet għall-prevenzjoni tal-konflitti. Hemm ħidma għaddejja biex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika tal-missjonijiet tal-PSDK u biex tissaħħaħ id-diplomazija ċibernetika tal-UE. Ser jiġu segwiti l-multilateraliżmu marittimu u l-kapaċitajiet marittimi akbar għas-sigurtà u d-difiża. Is-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-konflitti tal-UE ser titħaddem darbtejn fl-2016, u r-riżultati ser jikkontribwixxu għall-prijoritajiet għal azzjoni preventiva bikrija. Bħala parti minn approċċ komprensiv, analiżi konġunta tal-konflitti u l-kriżijiet ser tkompli tappoġġa l-formulazzjoni u l-analiżi tal-approċċ strateġiku tal-UE għall-kuntesti affettwati mill-konflitt u fraġli. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser ikomplu jimplimentaw l-impenn politiku tal-UE li tistabbilixxi u tippromwovi l-użu tal-medjazzjoni bħala l-għodda tal-ewwel rispons f'sitwazzjonijiet ta' kriżi emerġenti u attwali. F'dan ir-rigward, l-Unjoni tkompli tappoġġa proċessi ta' paċi speċifiċi pereżempju fil-Libja u s-Sirja, u fis-sitwazzjonijiet ta' wara konflitt bħal fil-Kolombja u l-Myanmar/Burma.

L-UE ser tkompli żżomm il-politiki tagħha mmirati biex isaħħu l-istruttura globali tad-diżarm u r-reġimi multilaterali ta' nonproliferazzjoni. Dan jinkludi sforzi diplomatiċi kontinwi lejn il-mira li tinkiseb Żona Ħielsa mill-Armi ta' Qerda Massiva fil-Lvant Nofsani. It-theddida minn armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti ser tkompli tiġi indirizzata permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u appoġġ għal proġetti konkreti f'pajjiżi terzi. Prijoritajiet importanti għat-tieni nofs tal-2016 ser ikunu t-tnejn tal-konferenza ta' analiżi tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi u l-analiżi komprensiva tar-Riżoluzzjoni 1540(2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu impenn fit-tul għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Konvenzjonali u jistennew bil-ħerqa l-Ħames Konferenza ta' Reviżjoni f'Diċembru 2016 biex tagħti impetu mġedded lil dan l-istrument importanti. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll sforzi internazzjonali biex tittejjeb is-sigurtà tal-ispazju extra-atmosferiku.

L-UE ser taħdem biex issaħħa ir-rispons tagħha għat-terroriżmu internazzjonali permezz tal-kooperazzjoni multilaterali, id-djalogu politiku u l-appoġġ konkret għal pajjiżi sħab. Il-koerenza neċessarja bejn il-politika interna u esterna ser tiġi żgurata matul din il-ħidma. L-UE tappoġġa l-Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti ppreżentat mis-Segretarju Ġenerali tan-NU (SĠNU) kmieni fl-2016 u tappoġġa l-ħidma biex il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (CVE) tiġi integrata fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u sforzi relatati, inkluż fir-rigward tal-komunikazzjoni strateġika, ir-radikalizzazzjoni u l-ġellieda terroristi barranin. B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill u d-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2015, il-fokus tal-isforzi ser ikompli jkun fuq il-viċinat immedjat: Il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA), it-Turkija u l-Balkani tal-Punent, mingħajr ma tintesa d-dinja Għarbija fis-sens ġenerali, is-Saħel u l-Qarn tal-Afrika, kif ukoll l-Asja Ċentrali u tax-Xlokk. Riżultati tanġibbli ewlenin ser jinkludu: iż-żamma ta' djalogu mill-qrib mal-pajjiżi prijoritarji permezz ta' dialogi politiċi bilaterali ta' livell għoli għal kontra t-terroriżmu; il-finalizzazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għal kontra t-terroriżmu ma' dawn il-pajjiżi, b'mod partikolari l-Libanu, il-Ġordan, it-Tuneżija u t-Turkija u, abbażi ta' dan, it-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE permezz ta' proġetti konkreti; l-espansjoni tan-netwerk ta' esperti tal-UE għal kontra t-terroriżmu fis-Saħel u l-Balkani tal-Punent; l-organizzazzjoni ta' seminars ta' livell għoli li jindirizzaw il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti/iż-Żgħażaġħ; u l-iffukar fuq azzjonijiet preventivi dwar prijoritajiet tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-estremiżmu vjolenti identifikati permezz tal-proċess ta' Twissija Bikrija tal-UE.

Is-SEAE ser ikompli jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-PAKK bil-għan li l-programm nukleari tal-Iran jintuża għal skopijiet purament paċifiċi.

Ir-Rappreżentant Għoli ser tkompli tippromponi miżuri restrittivi ġodda jew emendati, inkluż miżuri awtonomi, bħala rispons għall-iżviluppi politiċi u tas-sigurtà internazzjonali u bħala parti mill-PESK tal-UE. Fost l-oqsma ewlenin hemm il-għieda kontra t-terroriżmu, ir-Russja/l-Ukrajna, is-Sirja, ir-RDPK u l-Libja. Ir-RGħ ser tippreżenta wkoll il-proposti meħtieġa għal Deċiżjonijiet tal-PESK u, flimkien mal-Kummissjoni, ser tippromponi r-Regolamenti meħtieġa biex il-miżuri tan-NU jiġu trasposti malajr kemm jista' jkun biex ikun hemm applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri tal-UE.

KWISTJONIJIET GLOBALI

L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli toffri opportunità biex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jirrappreżentaw opportunità biex tiġi kkatalizzata l-koerenza bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki tal-UE.

DRITTJIET TAL-BNIEDEM

F'dan l-isfond ta' kriżi tal-migrazzjoni mingħajr preċedent, konflitt kontinwu f'għadd ta' pajjiżi, inkluż fil-viċinat stess tal-UE, u żieda fil-fastidju u l-attakki fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, l-2016 tibqa' sena ta' sfidi straordinarji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għall-Unjoni Ewropea. Dawn l-isfidi jeħtieġu sforzi determinati mill-UE biex jinżammu l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, biex jiġu protetti l-persuni ċivili, jiġu promossi u protetti d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u biex jiġu appoġġati d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem filwaqt li tissaħħaħ is-soċjetà ċivili. Biex jiżdied l-għarfien dwar l-isfidi għad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u jiġu diskussi l-prijoritajiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika barranija tal-UE, f'Marzu 2016 ir-RGħ nediet l-inizjattiva #EU4HumanRights bl-involviment effettiv tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. F'Ġunju 2016, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tennew l-appoġġ qawwi tal-UE għall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u esprimew appoġġ sħiħ għall-ħidma siewja tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

F'Lulju 2015, il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE adottaw Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-UE għall-ħames snin li ġejjin. Il-Pjan ta' Azzjoni jiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-2012, u jiggwida l-attivitajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2016 u wara dan. Huwa għandu l-għan li jindirizza aħjar il-problemi permezz ta' azzjonijiet iffukati u l-użu sistematiku u kkoordinat tal-istrumenti kollha tal-UE, b'mod partikolari l-linji gwida, settijiet ta' għodda u pożizzjonijiet maqbula oħra tal-UE, u d-diversi strumenti ta' finanzjament estern, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR).

Fil-livell multilaterali, l-UE ser tkompli ssemma' leħinha għall-promozzjoni u l-protezzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem, billi taħdem b'mod partikolari permezz tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Fl-2016, l-UE ser tippromwovi l-prijoritajiet tematiċi tagħha, permezz ta' riżoluzzjoni li jiffukaw fuq moratorju fuq il-piena tal-mewt, id-drittijiet tat-tfal u l-libertà ta' reliġjon jew twemmin fl-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-ħarifa tal-2016, kif ukoll riżoluzzjonijiet iffukati fuq pajjiż partikolari. L-UE kienet promotur b'saħħtu ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, adottat permezz tal-Aġenda 2030 f'Settembru 2015. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bdiet u l-UE ser iżżomm l-appoġġ tagħha għall-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-2016.

L-UE ser tkun konsistenti fil-pressjoni tagħha fuq gvernijiet sħab biex jirrispettaw il-prinċipju tal-libertà ta' assoċjazzjoni u biex jipproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż f'dikjarazzjonijiet pubbliċi. Id-diplomatiċi tal-Istati Membri u tal-UE ser ikomplu jagħmlu monitoraġġ ta' proċessi u jżuru attivisti detenuti f'għexieren ta' pajjiżi fejn ikun meħtieġ.

L-appoġġ għall-ispazju tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ser jibqa' prijarità ewlenija għall-UE fl-2016. L-UE ser tappoġġa riżoluzzjonijiet dwar l-ispazju tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Assemblea Ġenerali tan-NU, u tkompli tuża l-istrumenti finanzjarji tagħha inkluż il-Fond ta' Emerġenza tal-EIDHR għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu f'riskju. Il-Mekkaniżmu l-ġdid għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem iffinanzjat mill-EIDHR, intitolat 'ProtectDefenders.eu', li tnieda fil-ħarifa tal-2015, huwa mistenni jagħti kontribut importanti fl-2016.

Il-qafas ta' politika tal-UE dwar l-appoġġ għall-ġustizzja transizzjonali, adottat mill-Kunsill f'Novembru 2015, ser ikompli jiġi implimentat sabiex tissaħħaħ il-konsistenza tal-impenn tal-UE f'dan il-qasam u tiġi pprovduta gwida għall-persunal tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE. F'dan il-kuntest, l-UE ttenni l-politika determinata tagħha b'appoġġ għall-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Il-protezzjoni, l-issodisfar u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista baqgħu ta' prijetà għolja fuq l-aġenda tal-UE. Wara l-analiżi ta' livell għoli tal-aġenda globali dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fl-2015, il-fokus tal-UE fl-2016 ser tkun, fost l-oħrajn, fuq it-tisħiħ tal-isforzi biex titjieb il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti, il-prevenzjoni u l-indirizzar ta' vjolenza sesswali u sessista fil-konflitti u fuq l-indirizzar tad-dimensjoni tas-sessi fil-ġlieda kontra theddid emerġenti, bħat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

MIGRAZZJONI

Il-migrazzjoni ser tibqa' parti integrali tal-politika barranija ġenerali tal-UE, fejn għandha titwettagħ aktar ħidma fuq il-bażi tal-impenn għal approċċ komprensiv u ġeografikament bilanċjat abbażi tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mat-Turkija ser tissokta u l-UE ser tappoġġa l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Tul il-Mediterran Ċentrali għandhom jitnaqqsu l-flussi, biex b'hekk jiġu salvati ħajjiet u jinkiser il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' persuni. L-UE ser tissokta l-ħidma konġunta ma' għadd ta' pajjiżi sħab ewlenin fl-Afrika u fl-Asja. Fl-istess waqt, l-UE ser tkompli toffri assistenza u appoġġ lill-Istati Membri tal-UE l-aktar esposti biex jiġi żgurat il-kontroll tal-fruntieri esterni u biex jiġu evitati flussi migratorji mhux kontrollati. L-UE ser taħdem ma' sħab terzi biex timplimenta l-approċċ ta' Qafas ta' Sħubija bil-ħsieb li jittejjeb l-immaniġġar tal-migrazzjoni, jonqsu l-flussi ta' migrazzjoni irregolari u jiżdiedu r-ritorni. L-approċċ tagħna għandu l-għan li jindirizza l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat, billi jibni sħubiji b'saħħithom ma' pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u pajjiżi terzi ospitanti, filwaqt li jagħmel użu sħiħ mill-politiki, il-proċessi u l-programmi eżistenti.

L-UE tfakkar fil-ħtieġa li jissaħħa l-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE biex jintlaħqu l-miri kemm tal-migrazzjoni kif ukoll tas-sigurtà f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2015 u Ġunju 2016.

L-UE tagħraf ukoll l-ispeċifità tal-fruntieri marittimi f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2016.

Id-Djalogi ta' Livell Għoli mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu kienu għodda importanti, bil-ħsieb li tkun integrata aktar il-kooperazzjoni koerenti u komprensiva fil-qasam tal-migrazzjoni, inkluż dwar ir-ritorn/ir-riammissjoni u l-aspetti tas-sigurtà, fid-djalogi politiċi ġenerali. Issa ser jiġu estiżi u approfonditi permezz tal-implimentazzjoni ta' sħubijiet aktar b'saħħithom fost oħrajn ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' transitu identifikati fil-Komunikazzjoni dwar Qafas ta' Sħubija ġdida adottata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2016 u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016, flimkien mal-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali aktar mifruxa taħt strumenti inklużi l-Proċessi ta' Khartoum u ta' Rabat, il-Proċess ta' Praga u l-Proċess ta' Budapest / is-Sħubija tar-Rotot tal-Ħarir. Sforzi bħal dawn ser ikunu meġhuna minn użu aktar strateġiku ta' rizersi taħt il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika u t-twaqqif ta' Pjan ta' Investiment Estern biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-migrazzjoni filwaqt li jingħata kontribut għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp oħrajn.

Bl-istess mod, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta (adottat fis-Summit tal-11-12 ta' Novembru 2015), l-UE ser tiżgura segwitu fuq il-ħames pilastri, inkluż ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, mingħajr ma jintesew l-aspetti tas-sigurtà. L-UE ser tiżgura wkoll segwitu xieraq dwar l-azzjonijiet ewlenin imniżżlin fid-dikjarazzjoni adottata fil-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant/ tal-Balkani tal-Punent (8 ta' Ottubru 2015).

L-UE ser tkompli taħdem mas-sħab tan-nofsinhar tagħha fl-Afrika ta' Fuq, is-Saħel u l-Qarn tal-Afrika, billi tfixx il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin ta' persuni u ssaħħa l-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri inkluż permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.

Is-Summit tal-AĠNU dwar il-Movimenti tar-Refuġjati u l-Migranti f'Settembru 2016 enfasizza li mhijiex biss problema Ewropea iżda sfida globali kbira, u kien opportunità biex jiġi żgurat impenn sod min-naħa tal-komunità internazzjonali, biex b'hekk tissaħħaħ l-idea li l-indirizzar tal-kwistjoni attwali hija responsabbiltà globali. Is-segwitu tas-Summit u l-iżvilupp taż-żewġ patti ser ikunu kruċjali.

L-UE ser tibqa' viġilanti ferm fir-rigward tal-possibbiltà ta' rotot ġodda għall-migrazzjoni irregolari u ser tiegħu l-miżuri adatti li jistgħu jkunu meħtieġa f'dak ir-rigward. Kull rotta alternattiva li tiġi attivata, wara l-għeluq de facto tar-rotta tal-Balkani tal-Punent, ser twassal għal riorjentazzjoni rapida tal-azzjonijiet tal-UE.

L-UE ser iżżomm l-impenn tagħha biex tiżgura s-sikurezza u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-refuġjati kollha, u b'mod partikolari l-għadd ta' nisa u tfal migranti li qed jiżdied. L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, li ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2015, tat prijorità lir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem f'kull pilastru ta' azzjoni. L-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti ġiet enfasizzata mill-mexxejja Afrikani u Ewropew fis-Summit tal-Belt Valletta. Dan l-impenn li tiġi rrispettata d-dinjità tal-migranti u r-refuġjati ġie kkonfermat fil-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-Rotta tal-Lvant tal-Mediterran u l-Balkani tal-Punent. Fl-2016, l-UE ser twettaq aktar passi biex tipproteġi r-refuġjati u l-migranti fil-pajjiżi tal-viċinat, biex tappoġġa lill-komunitajiet ospitanti, u biex tiżgura li l-azzjonijiet esterni tagħha dwar il-migrazzjoni huma f'konformità mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar ir-refuġjati, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement. Dan ser jissaħħaħ aktar fl-implimentazzjoni tal-Qafas ġdid ta' Sħubija taħt il-gwida tar-RGħ/VP.

OSSERVAZZJONI ELETTORALI U DEMOKRAZIJA

Id-demokrazija tinsab taħt pressjoni globalment u l-ispazju għas-soċjetà ċivili qed jiċkien. L-UE għandha rwol importanti x'taqdi fil-promozzjoni u l-appoġġ ta' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u atturi f'ambjenti dejjem aktar ripressivi.

L-UE saret attur ewlieni fl-appoġġ għad-demokrazija, parzjalment bis-saħħa tal-kredibbiltà tal-MOE (missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali) tagħha, li japplikaw standards għoljin ta' integrità u indipendenza, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għall-Osservazzjoni Internazzjonali Elettorali (DoP). L-UE reġgħet ikkommettiet ruħha għad-DoP fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2015 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE huma kruċjali biex ikun hemm komunikazzjoni mal-interlokuturi kollha sabiex jittejbu l-proċessi elettorali futuri, u l-UE saħħet l-impenn tagħha li ssegwi bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE kif ukoll l-MOE tal-OSKE/ODIHR. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet issa qed jitqajmu b'mod konsistenti fid-djalogi politiċi ma' pajjiżi sħab u jagħtu kontribut biex tissawwar l-għajnuna elettorali tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jkompli jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu kkonsolidati l-prattiki tajbin sabiex jiġi żgurat segwitu effettiv għall-MOE tal-UE.

L-UE ffinalizzat l-eżerċizzju pilota tagħha dwar l-appoġġ għad-demokrazija sabiex ittejjeb il-konsistenza tal-ħidma tagħha fuq id-demokrazija fi Frar 2016. Għadd ta' delegazzjonijiet tal-UE, flimkien ma' Stati Membri fuq il-post, saħħew l-analiżi konġunta tal-isfidi demokratiċi fil-pajjiżi sħab tagħhom billi identifikaw oqsma ta' ħidma b'potenzjal li jimpenjaw ruħhom f'riforami demokratiċi mal-pajjiż sieħeb b'mod adattat u effettiv. Wara dan ser jiġu żviluppati Pjanijiet ta' Azzjoni għad-Demokrazija fl-2016.

L-eżerċizzju pilota indika l-ħtieġa li l-appoġġ tal-UE għall-istituzzjonijiet demokratiċi jkun aktar mifrux billi tiffoka fuq l-interazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet statali u ċ-ċittadini, tappoġġa leġislaturi, issaħħaħ ir-rabta bejn il-partiti politiċi u ċ-ċittadini u tappoġġa d-demokrazija lokali, kif ukoll tagħmel kuntatt ma' atturi tradizzjonali li jkunu qed jaqdu rwol fit-tisħiħ tad-demokrazija. Hija ħeġġet ukoll sinerġiji akbar bejn l-analiżi tad-demokrazija, l-Istrateġiji tal-Pajjiżi għad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Pjanijiet Direzzjonali tas-Soċjeta' Ċivili. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jorbot lill-UE biex issaħħaħ il-ħidma tagħha b'appoġġ għal sistemi b'għadd ta' partiti, partiti politiċi u parlamenti, bil-għan li jitwessa' l-ispace politiku, u biex issaħħaħ ir-rabta bejn il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali u l-aġenda aktar wiesgħa ta' appoġġ għad-demokrazija. Segwitu aktar sistematiku għar-rakkomandazzjonijiet tal-MOE, inkluż permezz ta' assistenza elettorali, qed jagħti kontribut għal din il-mira.

Appoġġ dirett tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) għal gruppi fil-mira huwa ffinanzjata permezz ta' riżorsi addizzjonali li ġejjin minn kontribuzzjonijiet volontarji mingħand l-Istati Membri tagħhom u partijiet ikkonċernati oħra, bħal fondazzjonijiet privati, eċċ. F'Ġunju 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li talloka kontribuzzjoni ġdida ta' EUR 12 miljun għal spejjeż operattivi tal-EED mill-2015 sal-2018.

OQSMA OĦRA TA' ATTIVITÀ

Diplomazija dwar il-klima

Id-Diplomazija Ewropea dwar il-Klima kellha rwol prinċipali biex titwitta t-triq biex jinkiseb ftehim globali ambizzjuż dwar il-klima fil-COP21 f'Pariġi. Dan l-impenn pożittiv għal azzjoni dwar il-klima globali reġa' ġie kkonfermat fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima, adottat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-15 ta' Frar 2016.

L-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u ser timpenja ruħha ma' pajjiżi oħra biex tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-wegħdiet ta' tnaqqis tagħhom kif jinsabu fil-Kontribuzzjonijiet Maħsubin Determinati fil-Livell Nazzjonali tagħhom. Ser jitkomplew l-isforzi biex tiġi indirizzata r-rabta bejn it-tibdil fil-klima, ir-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, il-prosperità, l-istabbiltà u l-migrazzjoni. L-effetti destabbilizzanti tat-tibdil fil-klima ser ikomplu jiġu indirizzati mill-UE ma' wħud mill-pajjiżi sħab tagħha, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-klima u appoġġ għall-bini tal-kapaċità.

Diplomazija tal-Enerġija

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-Enerġija tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija tal-Enerġija tal-UE adottati f'Lulju 2015, kunsiderazzjonijiet marbutin mad-dimensjoni esterna tad-diplomazija tal-enerġija ġew inkorporati b'mod aktar mifrux fl-attivitajiet tal-UE. Is-sħubijiet u d-djalogi marbutin mal-enerġija għandhom ikompli jkunu koerenti mal-għanijiet ta' politika barranija u esterna rilevanti- inkluż l-għanijiet għall-klima- u jippromwovu d-diversifikazzjoni tas-sorsi, tal-fornituri u tar-rotot, kif ukoll teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija inkluż bil-ħsieb ta' opportunitajiet kummerċjali għal kumpanniji mill-UE. Id-djalogi dwar l-enerġija għandhom, fejn xieraq, jinkludu diskussjonijiet dwar l-iżviluppi fis-sigurtà tal-enerġija fuq il-livell globali u dak reġjonali u, fejn possibbli, iqisu l-ispeċifikitajiet partikolari u l-impenji rilevanti eżistenti tal-Istati Membri tal-UE. Huma għandhom jiżguraw ukoll li s-sovranità u drittijiet sovrani tal-Istati Membri li jesploraw u jiżviluppaw ir-riżorsi naturali tagħhom jiġu salvagwardjati. L-UE tibqa' impenjata għall-promozzjoni u t-titjib kontinwu tal-ogħla livell ta' standards ta' sikurezza nukleari f'pajjiżi terzi.

Politika mibnija fuq il-valuri

Fit-28 ta' Jannar 2016, l-UE ppubblikat l-ewwel rapport tagħha fuq l-impatt tas-“Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi” (GSP), inkluż l-impatt ta' GSP+ fuq 14-il pajjiż vulnerabbli bi dħul baxx jew medju-baxx. GSP+ hija bbażata fuq il-kunċett integrali tal-iżvilupp sostenibbli. Permezz ta' din is-sistema, il-pajjiżi involuti ma jħallsux dazji meta jesportaw firxa ta' prodotti lejn l-UE. Minflok, iridu jkunu rratifikaw 27 konvenzjoni internazzjonali prinċipali, inkluż il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-drittijiet tax-xogħol, u jaqblu li jikkooperaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. L-14-il pajjiż benefiċjarju tal-GSP+ ivvalutat għamlu sforzi sinifikanti u wrew impenn politiku u istituzzjonali ġenwin, iżda hemm aktar li jeħtieġ isir. Il-monitoraġġ u d-djalogu regolari mal-pajjiżi benefiċjarji attwali (l-Armenja, il-Bolivja, Cape Verde, il-Georgia, il-Kirgiżistan, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Paragwaj & il-Filippini) ikompli. Ir-rapport biennali li jmiss dwar l-impatt tal-GSP ser jikkonċerna l-perijodu 2016/2017.

Minerali ta' konflitt

L-UE qed tħejji b'mod attiv il-passi li jmiss u possibbilment imtejba biex jiġu ffinanzjati għadd ta' proġetti biex jingħata appoġġ għall-provenjenza responsabbli ta' minerali li joriġinaw minn żoni affettwati mill-konflitt u ta' riskju għoli. Il-ħidma ulterjuri ser tikkunsidra l-esperjenza mill-programmi li għaddejjin tal-UE, – attwalment taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi – rigward il-programm ta' sensibilizzazzjoni tal-OECD dwar "minerali ta' konflitt" (appoġġ mill-UE ta' EUR 1 miljun għall-2014-2015) u l-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjuni tal-Lagi l-Kbar/Inizjattiva Reġjonali dwar ir-Riżorsi Naturali (appoġġ mill-UE ta' EUR 3 miljun għall-2014-2016).

Diplomazija Ekonomika Ewropea

L-għan tad-diplomazija ekonomika huwa li tgħin biex titwassal il-prosperità għall-ekonomiji tal-UE fil-kuntest globali. Billi tibni fuq l-aspetti regolatorji, politiċi, kummerċjali, finanzjarji jew kulturali, hija toħloq inċentivi għall-kummerċ, il-kooperazzjoni u l-investiment fil-kuntest globali, tisfrutta l-punti b'saħħithom u t-tmexxija tal-Ewropa, b'kooperazzjoni effettiva bejn l-atturi tal-UE u t-titjib tal-koerenza u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE fil-qasam ekonomiku.

Il-ħidma fuq aġenda tassew integrata u effettiva tad-diplomazija ekonomika tal-UE kompliet abbażi tal-elementi kostitwenti li ġejjin: 1) koordinazzjoni u koerenza mtejba tal-politiki tal-UE; 2) relazzjonijiet strutturati aħjar mal-Istati Membri tal-UE u n-negozji tal-UE; 3) rwol imtejjeb tal-Bank Ewropew tal-Investiment, li jkollu rwol importanti fl-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs kif ukoll fl-għoti ta' garanziji għall-investituri f'żoni riskjużi; u 4) rwol imsaħħaħ tad-Delegazzjonijiet tal-UE.

NĦARSU 'L QUDDIEM LEJN L-2017

Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE ser tipprovdi l-qafas għar-relazzjonijiet esterni tal-UE, inkluż il-PESK fis-snin li ġejjin. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija fil-firxa ta' oqsma ta' politika ser tippermetti lill-Unjoni Ewropea biex taffaċċa l-isfidi u l-kriżijiet b'mod aktar effettiv u konġunt. Fl-2016 bdiet ħidma fuq inizjattivi ta' segwitu li għandhom l-għan li jagħmlu l-azzjoni esterna tal-UE aktar kredibbli, responsiva u konġunta, b'mod partikolari fl-oqsma tal-bini ta' reżiljenza u approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet, is-Sigurtà u d-Difiża, kif ukoll it-tisħiħ tar-rabta bejn il-politiki interni u esterni, b'attenzjoni għall-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u din il-ħidma ser tkompli matul l-2017 u aktar 'il quddiem.